# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 272

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

31 ta’ Ottubru 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta’ Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta’ ħut u gruppi ta’ stokkijiet ta’ ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta’ ċerti opportunitajiet ta’ sajd f’ilmijiet oħra** ..... 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629 tal-25 ta’ Lulju 2018 li jemenda l-lista ta’ mard stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”)** (1) ..... 11

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1630 tal-24 ta’ Ottubru 2018 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (“Lička janjetina” (IĠP))** ..... 16

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1631 tat-30 ta’ Ottubru 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-trab tal-estratt tal-cranberries bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** (1) ..... 17

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1632 tat-30 ta’ Ottubru 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** (1) ..... 23

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1633 tat-30 ta’ Ottubru 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** (1) ..... 29


(1) Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1634 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jġedded id-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mad-distanza minima mill-kosta u mal-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja** ..... 35

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1635 tat-30 ta' Ottubru 2018 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri** *(notifikata bid-dokument C(2018) 7333)* ([1]) ..... 38

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (UE) 2018/1636 tat-23 ta' Ottubru 2018 li ġġedded u temenda r-restrizzjoni temporanja fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796 dwar il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' kuntratti għal differenzi lil klijenti mhux professjonali** ..... 62

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1628

**tat-30 ta' Ottubru 2018**

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jesiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli inkluż, fejn rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe parir mogħti minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi jew oqsma ta' kompetenza rilevanti u rakkomandazzjonijiet konġunti li jsiru mill-Istati Membri.

(2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew attività tas-sajd filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-għan tal-PKS huwa li tintlaħaq ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli sal-2015 sa fejn possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.

(4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kont meħud tal-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll wara li jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ("il-pjan"). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ireġġa' lura u jżomm lill-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda f'livelli 'l fuq minn dawk li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu

[1] Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

sostenibbli. Għal dak il-għan, il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet ikkonċernati, espressa f'meded, trid tintlaħaq kemm jista' jkun malajr u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sal-2020. Huwa xieraq li l-limiti ta' qbid applikabbli fl-2019 għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku jiġu stabbiliti f'konformità mal-għanijiet tal-pjan.

(6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) indika li l-bijomassa tal-aringi tal-Baltiku tal-Punent fis-suddiviżjonijiet 20-24 tal-ICES hija taħt il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk kif stabbilit fl-Anness II, il-kolonna A, għar-Regolament (UE) 2016/1139. F'konformità mal-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju xierqa kollha biex jiżguraw restawr rapidu tal-istokk ikkonċernat għal-livelli li kapaċi jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli. Għal dak l-għan, huwa neċessarju li jitqiesu l-iskeda ta' żmien għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS b'mod ġenerali u dawk tal-pjan b'mod partikolari minħabba l-effett mistenni tal-miżuri ta' rimedju adottati, filwaqt li fl-istess ħin iżommu mal-għanijiet tal-ksib tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, kif stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għaldaqstant, u f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li l-opportunitajiet ta' sajd għall-aringi tal-Baltiku tal-Punent jiġu stabbiliti taħt il-medda tal-mortalità mis-sajd fl-Anness I, il-kolonna A, ta' dak ir-Regolament, billi tali livell iqis it-tnaqqis tal-bijomassa.

(7) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku tal-Punent, il-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mortalità mis-sajd ġenerali ta' dak l-istokk u għandu jiġi limitat. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit limitu tal-qabda ta' kuljum għal kull sajjied. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva applikabbli għall-attivitajiet ta' sajd kummerċjali.

(8) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, ICES għadu ma jistax jistabbilixxi punti ta' referenza bijoloġiċi, wara l-bidliet fil-bijoloġija tal-istokk. Huwa xieraq, għalhekk, li sabiex jingħata kontribut għall-ksib tal-għanijiet tal-pjan, it-TAC għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jiġi stabbilit skont l-approċċ ta' prekawzjoni kif stabbilit -fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u li jiġi stabbilit perijodu ta' għeluq.

(9) Sabiex jiġi ggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali, huwa xieraq li tiġi introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun mis-suddiviżjonijiet 22-31 tal-ICES sas-suddiviżjoni 32 tal-ICES għall-Istat Membru li talab dik il-flessibbiltà.

(10) Skont parir tal-ICES, 29 % tal-qabdiet fis-sajd tas-salamun huwa rrapportat ħażin, b'mod partikolari bħala qabdiet ta' trota tal-baħar. Peress li l-biċċa l-kbira tat-trota tal-baħar fil-Baħar Baltiku hija sfruttata fiż-żoni kostali, huwa xieraq li jiġi pprojbit is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi u li jiġu limitati l-qabdiet aċċessorji ta' trota tal-baħar għal 3 % tal-qabdiet ta' trota tal-baħar u ta' salamun flimkien sabiex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' rrappurtar ħażin ta' qabdiet ta' salamun bħala qabdiet ta' trota tal-baħar.

(11) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stipulati f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]), u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, u għat-trażmissjoni tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet marbuta mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni.

(12) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([2]) introduċa kondizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, permezz tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 iddaħħal il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin, ixxekkel il-kisba tal-miri tal-PKS u twassal biex il-qagħda bijoloġika tal-istokkijiet tmur għall-agħar, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma tintużax.

(13) Abbażi ta' parir xjentifiku ġdid, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll tal-Unjoni għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

(14) Fis-snin preċedenti it-TAC għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF ġew iffissati għal sena kalendarja. F'Lulju 2018 l-ICES ħareġ il-parir tiegħu għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019 għal dak l-istokk. Dawk il-perijodi jenħtieġ li jiġu allinjati sabiex il-perijodu tat-TAC jiġi jaqbel mal-perijodu kopert mill-parir tal-ICES. Eċċezzjonalment u minħabba t-transizzjoni biss, it-TAC għall-inċova għandha tiġi emendata biex tkopri l-perijodu ta' 18-il xahar, li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2019.

(15) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2019. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF mill-1 ta' Jannar 2018. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li l-opportunitajiet tas-sajd għal dak il-perijodu itwal jeċċedu lil dawk stabbiliti inizjalment skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ([1]). Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku għall-2019 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/120.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn jiġi msemmi b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "suddiviżjoni" tfisser suddiviżjoni tal-ICES tal-Baħar Baltiku kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 ([2]);

(2) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perijodu ta' sena;

(3) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(4) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport.

KAPITOLU II

## OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

*Artikolu 4*

### TACs u allokazzjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kondizzjonijiet marbutin b'mod funzjonali magħhom, fejn xieraq, huma stipulati fl-Anness.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1).

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd**

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) kwantitajiet miżmuma f'konformità l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 6*

**Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji**

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti, huma identifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 22-24**

1. Fis-sajd rikreattiv, mhux aktar minn seba' kampjuni ta' bakkaljaw jistgħu jinżammu għal kull sajjied kuljum fis-suddiviżjonijiet 22-24.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

*Artikolu 8*

**Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għat-trota tal-baħar fis-suddiviżjonijiet 22-32**

1. Is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejjla mil-linji bażi fis-suddiviżjonijiet 22-32 huwa pprojbit għal bastimenti tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019. Meta jsir is-sajd għas-salamun f'dawk l-ilmijiet, il-qabdiet aċċessorji ta' trota tal-baħar ma jistgħux jaqbżu t-3 % tal-qabda totali ta' salamun u ta' trota tal-baħar fi kwalunkwe mument abbord jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

*Artikolu 9*

**Flessibbiltà**

1. Ħlief meta jkun speċifikat mod ieħor fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal stokkijiet soġġetti għal TAC analitika.

2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 10*

**Trażmissjoni tad-data**

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data li tirrigwarda l-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda jew li nħattu l-art, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 11*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2018/120**

L-Anness IA għar-Regolament (UE) 2018/120 huwa emendat kif ġej:

(1) l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES; l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Inċova *Engraulis encrasicolus* | **Żona:** | 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 10 802 (1) | | |
| Il-Portugall | 11 784 (1) | | |
| L-Unjoni | 22 586 (1) | | |
| TAC | 22 586 (1) | | TAC ta' prekawzjoni |

(1) Il-kwota tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019."

(2) l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni 2a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES huma sostitwiti b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati *Trisopterus esmarkii* | | **Żona:** | 3a; Ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4 (NOP/2A3A4.) |
|---|---|---|---|---|
| Sena | 2018 | 2019 | | |
| Id-Danimarka | 85 186 (1) (3) | 49 953 (1) (6) | | |
| Il-Ġermanja | 16 (1) (2) (3) | 10 (1) (2) (6) | | |
| In-Netherlands | 63 (1) (2) (3) | 37 (1) (2) (6) | | |
| L-Unjoni | 85 265 (1) (3) | 50 000 (1) (6) | | |
| In-Norveġja | 15 000 (4) | 0 | | |
| Il-Gżejjer Faroe | 6 000 (5) | 0 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

(1) Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji ta' merluzz tal-linja sewda u merlangu (OT2/*2A3A4). Qabdiet aċċessorji ta' merluzz tal-linja sewda u merlangu magħduda mal-kwota ta' din id-dispożizzjoni u qabdiet aċċessorji ta' speċi magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, m'għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

(2) Il-kwota tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES.

(3) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Novembru 2017 sal-31 ta' Ottubru 2018.

(4) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni.

(5) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni. Tinkludi massimu ta' 15 % ta' qabdiet aċċessorji inevitabbli (NOP/*2A3A4), li jridu jingħaddu ma' din il-kwota.

(6) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019."

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019, bl-eċċezzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 11, li għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019 u bl-eċċezzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 11 li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

*ANNESS*

**TACs applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni li għalihom jeżistu TACs skont l-ispeċi u ż-żona**

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn ikun speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u l-kondizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-istokkijiet tal-ħut huma msemmija skont l-ordni alfabetika tal-ismijiet bil-Latin tal-ispeċi.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tingħata din it-tabella komparattiva bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi Alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Clupea harengus* | HER | Aringi |
| *Gadus morhua* | COD | Bakkaljaw |
| *Pleuronectes platessa* | PLE | Barbun tat-tbajja' |
| *Salmo salar* | SAL | Salamun |
| *Sprattus sprattus* | SPR | Laċċa kaħla |

| **Speċi:** | Aringi<br>*Clupea harengus* | **Żona:** | Suddiviżjonijiet 30-31<br>(HER/30/31.) |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Il-Finlandja | 72 724 | |
| L-Iżvezja | 15 979 | |
| L-Unjoni | 88 703 | |
| TAC | 88 703 | TAC analitika |

| **Speċi:** | Aringi<br>*Clupea harengus* | **Żona:** | Suddiviżjonijiet 22-24<br>(HER/3BC+24) |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Id-Danimarka | 1 262 | |
| Il-Ġermanja | 4 966 | |
| Il-Finlandja | 1 | |
| Il-Polonja | 1 171 | |
| L-Iżvezja | 1 601 | |
| L-Unjoni | 9 001 | |
| TAC | 9 001 | TAC analitika<br>L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. |

| Speċi: | Aringi<br>*Clupea harengus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32<br>(HER/3D-R30) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 3 748 | | |
| Il-Ġermanja | 994 | | |
| L-Estonja | 19 139 | | |
| Il-Finlandja | 37 360 | | |
| Il-Latvja | 4 723 | | |
| Il-Litwanja | 4 973 | | |
| Il-Polonja | 42 444 | | |
| L-Iżvezja | 56 979 | | |
| L-Unjoni | 170 360 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>Għandu japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. |

| Speċi: | Aringi<br>*Clupea harengus* | Żona: | Is-Suddiviżjoni 28.1<br>(HER/03D.RG) |
|---|---|---|---|
| L-Estonja | 14 336 | | |
| Il-Latvja | 16 708 | | |
| L-Unjoni | 31 044 | | |
| TAC | 31 044 | | TAC analitika<br>Għandu japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. |

| Speċi: | Bakkaljaw<br>*Gadus morhua* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 25-32<br>(COD/3DX32.) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 5 539 ([1]) | | |
| Il-Ġermanja | 2 203 ([1]) | | |
| L-Estonja | 540 ([1]) | | |
| Il-Finlandja | 424 ([1]) | | |
| Il-Latvja | 2 060 ([1]) | | |
| Il-Litwanja | 1 357 ([1]) | | |
| Il-Polonja | 6 377 ([1]) | | |
| L-Iżvezja | 5 612 ([1]) | | |
| L-Unjoni | 24 112 ([1]) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC ta' prekawzjoni<br>L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. |

([1]) Fis-suddiviżjonijiet 25 u 26, għandu jkun ipprojbit is-sajd ta' din il-kwota mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Lulju għal:
(a) bastimenti tas-sajd ta' tul totali ta' 12-il metru u aktar li jistadu bit-tkarkir, bit-tartaruni Daniżi jew b'irkaptu simili li għandhom malji ta' 90 mm jew aktar; u
(b) bastimenti tas-sajd ta' tul totali ta' 12-il metru u aktar li jistadu bl-għeżula, bi xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti li għandhom malji ta' 90 mm jew akbar, jew b'konzijiet tal-qiegħ, b'konzijiet ħlief il-konzijiet mitluqa, ix-xolfa tal-idejn u l-irkaptu tat-trejjix.

| **Speċi:** | Bakkaljaw *Gadus morhua* | **Żona:** | Suddiviżjonijiet 22-24 (COD/3BC+24) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 4 152 | | |
| Il-Ġermanja | 2 031 | | |
| L-Estonja | 92 | | |
| Il-Finlandja | 82 | | |
| Il-Latvja | 344 | | |
| Il-Litwanja | 223 | | |
| Il-Polonja | 1 111 | | |
| L-Iżvezja | 1 480 | | |
| L-Unjoni | 9 515 | | |
| TAC | 9 515 | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. |

| **Speċi:** | Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-32 (PLE/3BCD-C) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 7 251 | | |
| Il-Ġermanja | 806 | | |
| Il-Polonja | 1 518 | | |
| L-Iżvezja | 547 | | |
| L-Unjoni | 10 122 | | |
| TAC | 10 122 | | TAC analitika<br>Għandu japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. |

| **Speċi:** | Salamun *Salmo salar* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-31 (SAL/3BCD-F) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 18 885 (1) | | |
| Il-Ġermanja | 2 101 (1) | | |
| L-Estonja | 1 919 (1) (2) | | |
| Il-Finlandja | 23 548 (1) | | |
| Il-Latvja | 12 012 (1) | | |
| Il-Litwanja | 1 412 (1) | | |
| Il-Polonja | 5 729 (1) | | |
| L-Iżvezja | 25 526 (1) | | |
| L-Unjoni | 91 132 (1) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. |

(1) Espress f'għadd ta' ħut individwali.

(2) Kondizzjoni speċjali: sa 20 % u mhux aktar minn 400 kampjun ta' din il-kwota jistgħu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjoni 32 (SAL/*3D32).

| **Speċi:** | Salamun<br>*Salmo salar* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjoni 32<br>(SAL/3D32.) |
|---|---|---|---|
| L-Estonja | 995 (1) | | |
| Il-Finlandja | 8 708 (1) | | |
| L-Unjoni | 9 703 (1) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC ta' prekawzjoni |

(1) Espress f'għadd ta' ħut individwali.

| **Speċi:** | Laċċa kaħla<br>*Sprattus sprattus* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-32<br>(SPR/3BCD-C) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 26 710 | | |
| Il-Ġermanja | 16 921 | | |
| L-Estonja | 31 016 | | |
| Il-Finlandja | 13 982 | | |
| Il-Latvja | 37 460 | | |
| Il-Litwanja | 13 551 | | |
| Il-Polonja | 79 497 | | |
| L-Iżvezja | 51 635 | | |
| L-Unjoni | 270 772 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>Għandu japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. |

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1629

## tal-25 ta' Lulju 2018

## li jemenda l-lista ta' mard stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi regoli għall-prijoritizzazzjoni u għall-kategorizzazzjoni ta' mard li hu ta' tħassib għall-Unjoni. L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li regoli speċifiċi għall-mard intiżi għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard japplikaw għall-mard elenkat f'dak l-Artikolu u fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi ċerti kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi emendata l-lista f'dak l-Anness, filwaqt li l-parametri tal-valutazzjoni li għandhom jintużaw sabiex jiġi ddeterminat jekk marda tissodisfax il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu elenkati skont dak l-Artikolu huma stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 275 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-lista tal-mard stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-20 ta' April 2019.

(3) Il-Kummissjoni sistematikament ivvalutat il-mard tal-annimali li jeħtieġ l-intervent tal-Unjoni bl-assistenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), abbażi tal-għarfien espert xjentifiku pprovdut mil-Laboratorji ta' Referenza tal-UE dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-istandards internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE). Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, hija użat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-parametri tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(4) Il-mard ivvalutat jikkonsisti minn 39 marda li bħalissa huma elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll 19-il marda oħra ta' rilevanza speċjali għall-prevenzjoni tal-mard, għall-kontroll tal-mard jew għall-miżuri kummerċjali, bħal-lewkożi enżootika bovina, l-infezzjoni bir-rinotrakeite bovina infettiva jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda Aujeszky, kif ukoll ċertu mard ieħor li ġie elenkat mill-OIE, bħas-surra (*Trypanosoma evansi*) jew il-plewropnewmonite kaprina li tittieħed.

(5) Għall-finijiet tal-valutazzjonijiet, intalbu 29 opinjoni xjentifika mill-EFSA dwar mard differenti tal-annimali. Biex tipprovdi dawn, l-EFSA segwiet il-metodu stabbilit fl-Opinjoni Xjentifika tagħha adottata fil-5 ta' April 2017 dwar il-metodu *ad hoc* għall-valutazzjoni dwar l-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard tal-annimali fi ħdan il-qafas tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali ([2]). Għal mard li jifdal, il-valutazzjonijiet issejsu fuq l-opinjonijiet reċenti tal-EFSA jew fuq l-informazzjoni pprovduta mil-Laboratorji ta' Referenza tal-UE dwar is-Saħħa tal-Annimali. Fir-rigward tal-mard kollu evalwat, ġew ikkunsidrati l-istandards rilevanti tal-OIE.

(6) Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet min-naħa tal-EFSA ma ppermettewx li jinħarġu ċerti konklużjonijiet dwar ċertu mard bħas-surra (Trypanosoma evansi) ([3]), il-lewkożi enżootika bovina ([4]), l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela ([5]), l-infestazzjoni bil-*Varroa spp.* (Varroosis) ([6]) u l-marda tal-virus tal-erpete tal-koi ([7]). B'kont meħud tad-diskussjonijiet li saru fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti dwar is-saħħa tal-annimali ([8]), dawk il-ħames mardiet jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, jenħtieġ li dak il-mard jiġu inkluż fil-lista stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(7) Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet xjentifiċi li saru wrew li l-marda vesikulari tal-ħnieżer ([9]), l-istomatite vesikulari ([9]), is-sindrome ulċerativa epiżootika ([10]) u l-marda ta' Teschen ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, jenħtieġ li dak il-mard jitneħħa mil-lista li tinsab fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(8) Fl-istess waqt, is-surra (*Trypanosoma evansi*) [3], il-marda tal-virus tal-Ebola [11], il-paratuberkulożi [12], l-enċefalite Ġappuniża [13], id-deni tan-Nil tal-Punent [14], id-deni Q [15], ir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva [16], id-dijarea virali bovina [17], il-kampilobatterjożi ġenitali bovina [18], it-trikomonożi [19], il-lewkożi enżootika bovina, [4], [20] l-epididimite ovina (*Brucella ovis*) [21], l-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (Glanders), l-infezzjoni bl-arterite virali ekwina, l-anemija infettiva ekwina, id-durina, il-metrite ekwina li tittieħed, l-enċefalomijelite ekwina (tal-Lvant u tal-Punent) [22], l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky [23], l-infezzjoni bil-virus tas-sindrome riproduttiva u respiratorja tal-ħnieżer [24], il-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) [25], l-infezzjoni bil-viruses tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa [26], il-klamidjożi tat-tjur [27], l-infestazzjoni bil-*Varroa spp.* (Varroosis) [6], l-infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala) [28], il-larva Amerikana, l-infestazzjoni bit-*Tropilaelaps spp* [28] u l-infezzjoni bil-*Batrachochytrium salamandrivorans* [29] jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-mardiet jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(9) Barra minn hekk, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li dan ir-Regolament għandu japplika għall-mard trażmissibbli, fosthom iż-żoonożi, mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [30], ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [31], id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [32] u r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [33]. Peress li l-mard kopert mir-regoli stipulati f'dawk l-atti, jiġifieri l-listerjożi, is-salmonellożi (is-salmonella żoonotika), it-trikinellożi, il-verotossini E. coli u l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE) huma diġà koperti minn regoli speċifiċi għal ċerti setturi, jenħtieġ li jitneħħew mil-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429.

(10) Il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata kif meħtieġ,

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/429 jiġi emendat.

(12) Billi r-Regolament (UE) 2016/429 japplika b'effett mill-21 ta' April 2021, l-emendi li saru b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 huwa mibdul bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

(1) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
(2) *EFSA Journal* 2017;15(7):4783.
(3) *EFSA Journal* 2017;15(7):4892.
(4) *EFSA Journal* 2017;15(8):4956.
(5) *EFSA Journal* 2017;15(8):4950.
(6) *EFSA Journal* 2017;15(10):4997.
(7) *EFSA Journal* 2017;15(7):4907.
(8) https://ec.europa.eu/food/animals/health/expert_group_en
(9) *EFSA Journal* 2012;10(4):2631.

(10) *EFSA Journal* 2011;9(10):2387.
(11) *EFSA Journal* 2017;15(7):4890.
(12) *EFSA Journal* 2017;15(7):4960.
(13) *EFSA Journal* 2017;15(7):4948.
(14) *EFSA Journal* 2017;15(8):4955.
(15) *EFSA Journal* 2010; 8(5):1595.
(16) *EFSA Journal* 2017;15(7):4947.
(17) *EFSA Journal* 2017;15(8):4952.
(18) *EFSA Journal* 2017;15(10):4990.
(19) *EFSA Journal* 2017;15(10):4992.
(20) *EFSA Journal* 2017;15(10):4996.
(21) *EFSA Journal* 2017;15(10):4994.
(22) *EFSA Journal* 2017;15(7):4946.
(23) *EFSA Journal* 2017;15(7):4888.
(24) *EFSA Journal* 2017;15(7):4949.
(25) *EFSA Journal* 2017;15(8):4953.
(26) *EFSA Journal* 2017;15(7):4891.
(27) Rapport tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-Benessri tal-Annimali addottat fis-16 ta' April 2002, https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/sci-com_scah_out73_en.pdf
(28) *EFSA Journal* 2013;11(3):3128.
(29) *EFSA Journal* 2017;15(11):5071.
(30) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).
(31) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).
(32) Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).
(33) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**LISTA TA' MARD TAL-ANNIMALI**

— L-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina
— L-infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift
— L-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis*
— L-infezzjoni bil-kumpless *Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*)
— L-infezzjoni bil-virus tar-rabja
— L-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24),
— L-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis*
— L-infezzjoni bil-virus tal-marda epiżootika emorraġika
— L-antraċe
— Is-surra (*Trypanosoma evansi*)
— Il-marda tal-virus tal-Ebola
— Il-paratuberkulożi
— L-enċefalomjelite Ġappuniża
— Id-deni tal-Punent tan-Nil
— Id-deni Q
— L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda
— L-infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (Il-plewropulmonite bovina li tittieħed),
— Ir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva
— Id-dijarea virali bovina
— Il-kampilobatterjożi ġenitali bovina
— It-trikomonożi
— Il-lewkożi enżootika bovina
— Il-ġidri tan-nagħag u l-ġidri tal-mogħoż
— L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti ż-żgħar
— Il-plewroplewmonite kaprina li tittieħed
— L-epididimite ovina (*Brucella ovis*)
— L-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (Glanders)
— L-infezzjoni tal-arterite virali ekwina
— L-anemija infettiva ekwina
— Id-durina
— L-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela
— Il-metrite ekwina li tittieħed
— L-enċefalomjelite ekwina (tal-Lvant u tal-Punent)
— L-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky
— L-infezzjoni bil-virus tas-sindrome respiratorja u riproduttiva tal-ħnieżer
— L-infezzjoni bil-virus tal-marda Newcastle
— Il-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*)
— L-infezzjoni bis-*Salmonella* Pullorum, bl-*S.* Gallinarum u bl-*S. arizonae*

— L-infezzjoni bil-viruses tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa
— Il-klamidjożi tat-tjur
— L-infestazzjoni bil-*Varroa* spp. (Varroosis)
— L-infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala)
— Il-larva Amerikana
— L-infestazzjoni bil-*Tropilaelaps* spp.
— L-infezzjoni bil-*Batrachochytrium salamandrivorans*
— In-nekrożi ematopojetika epiżotika
— Is-settiċimija emorraġika virali
— In-nekrożi ematopojetika infettiva
— L-infezzjoni b'virus imħassar tal-anemija tas-salamun li huwa ta' reġjun polimorfiku ħafna (HPR)
— Il-marda virali tal-erpete tal-koi
— L-infezzjoni bil-*Mikrocytos mackini*
— L-infezzjoni bil-*Perkinsus marinus*
— L-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*
— L-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*
— L-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*
— L-infezzjoni bil-virus tas-sindrome Taura
— L-infezzjoni bil-virus tar-ras safra
— L-infezzjoni bil-virus tas-sindrome tal-ponot bojod"

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1630**

**tal-24 ta' Ottubru 2018**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Lička janjetina" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Kroazja biex id-denominazzjoni "Lička janjetina" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li d-denominazzjoni "Lička janjetina" tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Lička janjetina" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni) kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) ĠU C 153, 2.5.2018, p. 11.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1631**

**tat-30 ta’ Ottubru 2018**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-trab tal-estratt tal-cranberries bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li fis-suq fl-Unjoni jista’ jitqiegħed biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]), li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta’ ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni jeħtieġ tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta’ ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Fl-20 ta’ Settembru 2011, il-kumpanija Ocean Spray Cranberries Inc. (“l-Applikant”) talbet lill-awtorità kompetenti ta’ Franza biex tqiegħed fis-suq tal-Unjoni t-trab tal-estratt tal-cranberries, bħala ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-applikazzjoni talbet li t-trab tal-estratt tal-cranberries jintuża f’xarbiet bit-togħma tal-frott, xarbiet isotoniċi, xarbiet tat-tè, ilma bil-vitamini miżjuda, jogurts u xarbiet tal-jogurt.

(5) Fil-11 ta’ Diċembru 2014, l-awtorità kompetenti ta’ Franza ħarġet ir-rapport ta’ valutazzjoni inizjali tagħha. F’dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li t-trab tal-estratt tal-cranberries jissodisfa l-kriterji għal ingredjenti tal-ikel ġdid stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97. Fl-istess rapport, l-awtorità kompetenti ta’ Franza esprimiet ukoll tħassib dwar ir-riskji nutrizzjonali possibbli marbuta mal-konsum eċċessiv ta’ polifenoli għat-tfal fl-età bejn sena u tliet snin li jirriżultaw mit-teħid ta’ polifenoli mill-ikel ġdid, u minn sorsi oħra ta’ polifenoli fid-dieta tat-tfal.

(6) Fis-16 ta’ Jannar 2015, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta’ valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra. Kien hemm oġġezzjonijiet motivati minn Stati Membri oħra fi żmien il-perjodu ta’ 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 fir-rigward tad-*data* insuffiċjenti li teskludi r-riskju għat-tfal żgħar fl-età bejn sena u tliet snin, l-ispeċifikazzjoni mhux kompleta tal-ikel ġdid, u n-nuqqas ta’ informazzjoni dwar il-kontenut ta’ proteini meħtieġ biex jiġi eskluż ir-riskju ta’ allerġija.

(7) Fid-dawl tar-rapport ta’ valutazzjoni inizjali maħruġ mill-awtorità kompetenti ta’ Franza u l-oġġezzjonijiet li għamlu xi Stati Membri oħra, fl-20 ta’ April 2016, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) u talbitha twettaq valutazzjoni oħra għat-trab tal-estratt tal-cranberries bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(8) F’kuntatti mal-Awtorità, l-Applikant iddikjara li l-ikel ġdid ma kienx maħsub biex jiġi kkummerċjalizzat għat-trabi, għat-trabi li telqu jimxu u għat-tfal ta’ inqas minn 19-il sena.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta’ Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

(9) Fl-4 ta' April 2017, l-Awtorità adottat "Scientific Opinion on the safety of cranberry extract powder as a novel food ingredient pursuant to Regulation (KE) Nru 258/97" (Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tat-trab tal-estratt tal-cranberries bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97), li fiha kkonkludiet li l-estratt tal-cranberries hu sikur għall-użi kkomunikati mill-Applikant ([1]). Dik l-opinjoni, għalkemm elaborata u adottata mill-Awtorità skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97, hija f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(10) Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni informat lill-applikant bil-pożizzjoni tagħha u ta' xi Stati Membri oħra li fid-dawl tar-riskju li trabi, trabi li telqu jimxu u tfal ta' inqas minn 19-il sena jistgħu jikkonsmaw il-prodotti maħsuba, hija meħtieġa evalwazzjoni ta' sikurezza oħra għal dawk il-gruppi ta' età biex ikun hemm awtorizzazzjoni. Inkella, il-Kummissjoni ssuġġeriet li r-riskju ta' konsum mill-gruppi ta' età li l-Awtorità ma kkonkludiex dwarhom fir-rigward tas-sikurezza, jista' jitrażżan biżżejjed jekk l-estratt tal-cranberries jiġi awtorizzat bħala suppliment tal-ikel ġdid għall-popolazzjoni adulta ([2]).

(11) Fit-22 ta' Diċembru 2017, l-Applikant informa lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li f'dan l-istadju jsegwi l-awtorizzazzjoni tal-estratt tal-cranberries għall-użu f'supplimenti tal-ikel għall-popolazzjoni adulta ġenerali, mingħajr preġudizzju għal applikazzjoni ulterjuri sussegwenti għal estensjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu bbażati fuq valutazzjoni tas-sikurezza ulterjuri mill-Awtorità.

(12) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kwalunkwe talba għat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid fl-Unjoni mressqa lil Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, u li għaliha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni finali qabel l-1 ta' Jannar 2018, għandha tiġi trattata bħala applikazzjoni mressqa skont ir-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.

(13) L-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li t-trab tal-estratt tal-cranberries, meta użat f'supplimenti tal-ikel għall-popolazzjoni adulta ġenerali, jikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(14) Fit-2 ta' Mejju 2018, l-Applikant talab lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* proprjetarja għal tliet studji mressqa bħala sostenn tal-applikazzjoni, jiġifieri studju kliniku ta' 10 ġimgħat fl-adulti b'saħħithom ([3]), studju kliniku ta' 12-il ġimgħa f'adulti b'riskju minn baxx għal moderat ta' mard kardjovaskulari ([4]), u rapport dwar l-influwenza fuq il-funzjonijiet immunitarji sistemiċi, fuq il-bijomarkaturi urinarji u sistemiċi tas-saħħa u fuq il-karatteristiċi fekali tas-suġġetti umani waqt 10 ġimgħat ta' amministrazzjoni ([5]). L-Applikant talab ukoll lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* proprjetarja fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-konsum tal-prodott tiegħu bit-taħlita tal-meraq tal-cranberries fl-Ewropa, kif ukoll fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-konsum marbut mat-tfal ([6]). Saret ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* proprjetarja fir-rigward tad-*data* dwar il-kompożizzjoni ([7]) u d-doża stmata għall-konsum tax-xarba tal-cranberries ([8]).

(15) Fis-27 ta' Ġunju 2018, l-Awtorità qieset ([9]) li waqt l-elaborazzjoni tal-opinjoni tagħha dwar it-trab tal-estratt tal-cranberries bħala ikel ġdid, l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni (it-tabella IX.b-1, l-applikazzjoni oriġinali, datata Lulju 2011, il-paġna 24) u d-doża stmata għall-konsum tax-xarba tal-cranberries (Fajl: "Ocean Spray's response to Member States' objections, dated November 2015") kienu meħtieġa għall-karaterizzazzjoni u l-istabbiliment tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid, kif ukoll għall-identifikazzjoni tal-periklu, u għall-valutazzjoni dwar jekk doża potenzjali ta' proantoċjanidini (PAC) mill-ikel ġdid hijiex paragunabbli mad-doża tal-PAC mill-konsum tal-prodotti tal-meraq tal-cranberries. Għaldaqstant, huwa meqjus li l-konklużjonijiet dwar is-sikurezza tat-trab tal-estratt tal-cranberries ma setgħux jintlaħqu mingħajr id-*data* msemmija hawn fuq.

(16) Wara li rċeviet l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni talbet lill-applikant sabiex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni mogħtija fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq id-*data*, u l-pretensjoni tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għal din id-*data*, kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

---

([1]) EFSA Journal 2017; 15(5):4777.
([2]) Is-supplimenti tal-ikel huma soġġetti għal rekwiżiti ta' tikkettar u ta' kummerċjalizzazzjoni speċifiċi skont id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).
([3]) Nantz et al., manuskritt mhux ippubblikat.
([4]) Juturu et al., manuskritt mhux ippubblikat.
([5]) Rapport mhux ippubblikat.
([6]) L-applikazzjoni oriġinali, datata Lulju 2011.
([7]) It-tabella IX.b-1, l-applikazzjoni oriġinali, datata Lulju 2011, il-paġna 24.
([8]) It-tweġiba ta' Ocean Spray fir-rigward tal-oġġezzjonijiet mill-Istati Membri, datata Novembru 2015.
([9]) Il-Bord tal-EFSA dwar prodotti djetetiċi, nutriment u allerġiji, Minuti ta' XXX. Plenarja li saret fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2018.

(17) L-Applikant iddikjara li fil-mument meta tressqet l-applikazzjoni, huwa kellu d-drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-evidenza u d-*data* skont il-liġi nazzjonali, u li, għaldaqstant, il-partijiet terzi ma setgħux jaċċessaw jew jużaw dik l-evidenza xjentifika jew id-*data* xjentifika b'mod legali. Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant u kkunsidrat li l-applikant wera biżżejjed li ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(18) Għaldaqstant, kif previst skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, id-*data* dwar il-kompożizzjoni u d-doża stmata li jinsabu fil-fajl tal-Applikant, u li mingħajrhom l-Awtorità ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid, jenħtieġ li għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma jintużawx mill-Awtorità għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti. B'konsegwenza ta' dan, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ristrett għall-Applikant għal perjodu ta' ħames snin.

(19) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' dan l-ikel ġdid u tar-referenza għall-evidenza xjentifika jew id-*data* xjentifika li jinsabu fil-fajl tal-Applikant għall-użu esklużiv tal-Applikant, ma twaqqafx lil applikanti oħra milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, diment li l-applikazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq informazzjoni miksuba b'mod legali li tappoġġa l-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament.

(20) Id-Direttiva 2002/46/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. L-użu tat-trab tal-estratt tal-cranberries jenħtieġ li jkun awtorizzat mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. It-trab tal-estratt tal-cranberries, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Applikant biss:

— Kumpanija: Ocean Spray Cranberries Inc.

— Indirizz: One Ocean Spray Drive Lakeville-Middleboro, MA, 02349, USA;

huwa awtorizzat li jqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-*data* protetta skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jew bi ftehim ma' Ocean Spray Cranberries Inc.

3. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet għall-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

4. L-awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE.

*Artikolu 2*

Id-*data* li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni li abbażi tagħha l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1 ġie vvalutat mill-Awtorità, u li l-Applikant iddikjara li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti mingħajr il-qbil ta' Ocean Spray Cranberries Inc, għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) Dan li ġej jiżdied fl-aħħar kolonna tat-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat):

| "Protezzjoni tad-*data*" |
|---|

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

| "L-ikel il-ġdid awtorizzat | Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid | | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn | Rekwiżiti oħrajn | Protezzjoni tad-*data* |
|---|---|---|---|---|---|
| | *Il-kategorija tal-ikel speċifikat* | *Livelli massimi* | | | |
| Trab tal-estratt tal-cranberries | Supplimenti tal-Ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE għall-popolazzjoni adulta | 350 mg kuljum | Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "trab tal-estratt tal-cranberries" | | Awtorizzat fl-20 ta' Novembru 2018. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika u *data* xjentifika proprjetarji protetti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283.<br>Applikant: Ocean Spray Cranberries Inc. One Ocean Spray Drive Lakeville-Middleboro, MA, 02349, USA.<br>Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-*data*, l-ikel ġdid, trab tal-estratt tal-cranberries, huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni biss minn Ocean Spray Cranberries Inc., sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-data xjentifika propretarja protetta skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bil-qbil ta' Ocean Spray Cranberries Inc.<br>Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-*data*: l-20 ta' Novembru 2023." |

(3) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| "L-Ikel il-Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjoni |
|---|---|
| Trab tal-estratt tal-cranberries | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>It-trab tal-estratt tal-cranberries huwa estratt f'għamla ta' trab li jinħall fl-ilma rikk fil-fenoli ppreparat permezz tal-estrazzjoni bl-etanol mill-konċentrat tal-meraq tal-frott matur u f'kundizzjoni tajba tal-kultivar tal-cranberry *Vaccinium macrocarpon*.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>Indewwa (% tal-piż skont il-piż): ≤ 4<br>Proantoċjanidini - PACs (% tal-piż skont il-piż xott)<br>— Metodu (1) (3) OSC-DMAC: 55,0-60,0 jew<br>— Metodu (2) (3) BL-DMAC: 15,0-18,0 |

| L-Ikel il-Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjoni |
|---|---|
| | Total tal-fenoli (GAE [4], % tal-piż skont il-piż xott) [3]<br>— Metodu Folin-Ciocalteau: > 46,2<br>Solubbiltà (ilma): 100 %, mingħajr partiċelli insolubbli viżibbli<br>Kontenut tal-etanol (mg/kg): ≤ 100<br>Analiżi bit-tgħarbil: 100 % minn ta' għarbiel b'malji tal-iskala 30<br>Dehra u aroma, bħala trab: Fluwidu, b'kulur aħmar skur. Aroma terrena mingħajr karattru maħruq.<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku (ppm): < 3<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Ħmira: < 100 CFU [5]/g<br>Moffa: < 100 CFU/g<br>Għadd tal-kolonji aerobiċi: < 1 000 CFU/g<br>Koliformi: < 10 CFU/g<br>*Escherichia coli*: < 10 CFU/g<br>*Salmonella*: Assenti fi 375 g |

(1) Metodu OSC-DMAC (4-dimetilamminokinnamaldeid) (Ocean Spray Cranberries, Inc) Martin MA, Ramos S, Mateos R, Marais JPJ, Bravo-Clemente, L, Khoo C and Goya L. Food Res Intl 2015 71: 68-82. Modified from Cunningham DG, Vannozzi S, O'Shea E, Turk R (2002) In: Ho C-T, Zheng QY (eds) Quality Management of Nutraceuticals ACS Symposium series 803, Washington DC. *Quantitation of PACs by DMAC Color Reaction pp* 151-166.

(2) Metodu BL-DMAC (4-dimetilamminokinnamaldeid) (Brunswick Lab) Validazzjoni minn bosta laboratorji ta' metodu standard għall-kwantifikazzjoni tal-proantoċjanidini fit-trabijiet tal-cranberries. Prior RL, Fan E, Ji H, Howell A, Nio C, Payne MJ, Reed J. *J Sci Food Agric*. 2010 Jul;90(9):1473-8.

(3) Il-valuri differenti għal dawn it-tliet parametri huma minħabba l-metodi differenti użati.

(4) GAE: Gallic Acid Equivalents (Ekwivalenti ta' Aċidu Galliku)

(5) CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji)"

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1632

## tat-30 ta' Ottubru 2018

## li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jistipula li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]), li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Fit-22 ta' Awwissu 2016, il-kumpanija Armor Protéines S.A.S. ("l-Applikant") għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda biex tqiegħed l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin, miksub minn ħalib bovin xkumat permezz ta' serje ta' stadji ta' purifikazzjoni, fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-applikazzjoni għandha l-għan li l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin jintuża fil-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, f'ikel li jintuża bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u f'ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u f'supplimenti tal-ikel.

(5) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kwalunkwe talba għat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid fi ħdan l-Unjoni ppreżentata lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid, u li għaliha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni finali qabel l-1 ta' Jannar 2018, jenħtieġ li tiġi trattata bħala applikazzjoni ppreżentata skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.

(6) Filwaqt li tressqet talba lil Stat Membru għat-tqegħid fis-suq tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin bħala ikel ġdid fl-Unjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Fis-27 ta' Ġunju 2017, l-awtorità kompetenti tal-Irlanda ħarġet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin jissodisfa l-kriterji għal ingredjent tal-ikel ġdid kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(8) Fl-4 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport tal-valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra. Tqajmu oġġezzjonijiet motivati minn Stati Membri oħra fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 fir-rigward tas-sikurezza tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin għat-trabi, u r-rilevanza tossikoloġika tar-riżultati fi studju ta' 6 ġimgħat dwar it-tossiċità fl-iżvilupp fil-ġrieden żgħar ([4]).

(9) Fid-dawl tal-oġġezzjonijiet li tqajmu mill-Istati Membri l-oħra, fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), fejn talbitha twettaq valutazzjoni addizzjonali tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).
([4]) Spézia (2012).

(10) Fl-applikazzjoni sussegwenti tat-3 ta' Jannar 2018, l-Applikant għamel talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* riżervata għal għadd ta' studji ppreżentati b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri żewġ studji kliniċi fuq il-bniendem bl-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin ([1]) ([2]), assaġġ ta' mutazzjoni riversiva ta' batterji *in vitro* ([3]), test *in vitro* ([4]) tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi, studju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien ([5]), studju ta' 6 ġimgħat dwar it-tossiċità fl-iżvilupp fil-ġrieden żgħar, u analiżi b'elettroforeżi tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin ([6]).

(11) Fis-27 ta' Ġunju 2018, l-Awtorità adottat "Scientific Opinion on the safety of bovine milk basic whey protein isolate as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ([7]). Dik l-opinjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(12) Dik l-opinjoni tagħti raġunijiet suffiċjenti biex jiġi stabbilit li l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin, fl-użi u fil-livelli tal-użu proposti, meta jintuża bħala ingredjent f'formuli tat-trabi u f'formuli tal-prosegwiment, f'ikel li jintuża bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u f'ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u f'supplimenti tal-ikel, huwa konformi mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(13) Fl-opinjoni tagħha dwar l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin, l-Awtorità qieset li d-*data* mill-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien serviet bħala bażi sabiex jiġi stabbilit punt ta' referenza u biex jiġi vvalutat jekk il-marġni tal-esponiment fir-rigward tal-konsum massimu propost tal-ikel ġdid mill-bnedmin hux suffiċjenti. Għalhekk, jitqies li l-konklużjonijiet dwar is-sikurezza tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin, ma setgħux jintlaħqu mingħajr id-*data* mir-rapport ta' dan l-istudju.

(14) Wara li rċeviet l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni talbet lill-Applikant sabiex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni mogħtija fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq ir-rapport tal-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien, u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklussiv ta' referenza għal dan l-istudju, kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(15) Fiż-żmien li fih kienet sottomessa l-applikazzjoni, l-Applikant iddikjara wkoll li għandu proprjetà u drittijiet esklużivi ta' referenza għall-istudju skont il-liġi nazzjonali, u li għalhekk partijiet terzi ma setgħux jaċċessaw jew jużaw legalment dan l-istudju. Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-Applikant u tqis li l-Applikant issostanzja biżżejjed it-twettiq tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(16) Għaldaqstant, kif previst fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, l-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien li jinsab fil-fajl tal-Applikant, u li mingħajru l-ikel ġdid ma setax jiġi vvalutat mill-Awtorità, jenħtieġ li ma jintużax mill-Awtorità għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Bħala konsegwenza ta' dan, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ristrett għall-Applikant għal perjodu ta' ħames snin.

(17) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' dan l-ikel ġdid u tar-referenza għall-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien li jinsab fil-fajl tal-Applikant għall-użu esklussiv tal-Applikant ma għandhiex twaqqaf lil applikanti oħrajn milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid dment l-applikazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq tagħrif miksub legalment li jappoġġa l-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament.

(18) Billi s-sors tal-ikel ġdid ġej mill-ħalib, li huwa elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) bħala wieħed minn għadd ta' sustanzi jew prodotti li jikkawżaw l-allerġiji jew l-intolleranzi, ikel u supplimenti tal-ikel li fihom l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin jenħtieġ li jkunu tikkettati kif xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament.

([1]) Armor Protéines (2013).
([2]) Schmitt & Mireaux (2008).
([3]) Sire, G. (2012a).
([4]) Sire, G. (2012b).
([5]) Silvano (2012).
([6]) Armor Protéines (2017).
([7]) *EFSA Journal* 2018; 16(7):5360.
([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

(19) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. Jenħtieġ li l-użu tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin jiġi awtorizzat mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(20) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar, l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż. Jenħtieġ li l-użu tal-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin jiġi awtorizzat mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biss, l-Applikant inizjali:

— Kumpanija: Armor Protéines S.A.S.

— Indirizz: Armor Protéines S.A.S., 19 bis, rue de la Libération 35460 Saint-Brice-en-Coglès, Franza;

huwa awtorizzat li jqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-data protetta skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jew bi ftehim ma' Armor Protéines S.A.S.

3. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tinkludi l-kundizzjonijiet għall-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

4. L-awtorizzazzjoni stipulata f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE, u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.

*Artikolu 2*

L-istudju li hemm fil-fajl tal-applikazzjoni li abbażi tiegħu l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1 ġie vvalutat mill-Awtorità, li ġie iddikjarat mill-Applikant li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, ma għandux jintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr il-qbil ta' Armor Protéines S.A.S.

*Artikolu 3*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) tiżdied din l-aħħar kolonna li ġejja mat-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat):

| "Protezzjoni tad-*Data*" |
|---|

(2) Tiddaħħal l-entrata li ġejja fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

| L-ikel il-ġdid awtorizzat | Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid | | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn | Rekwiżiti oħrajn | Protezzjoni tad-*Data* |
|---|---|---|---|---|---|
| "Iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin | *Il-kategorija tal-ikel speċifikat* | *Livelli massimi* | Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'Iżolat tal-proteini tax-xorrox tal-ħalib'.<br>Is-supplimenti tal-ikel li fihom l-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin għandhom iġorru d-dikjarazzjoni li ġejja:<br>'Dan is-suppliment tal-ikel m'għandux jiġi kkunsmat minn tfal/adolexxenti taħt l-età ta' tliet snin/tmintax-il (*) sena.'<br>(*) Skont xi jkun il-grupp ta' età li s-suppliment tal-ikel huwa maħsub għalih. | | Awtorizzat fl-20 ta' Novembru 2018. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika proprjetarja u *data* xjentifika riżervata protetta skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283.<br>L-Applikant: Armor Protéines S.A.S., 19 bis, rue de la Libération 35460 Saint-Brice-en-Coglès, Franza. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-*data*, l-ikel il-ġdid "iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin" huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn Armor Protéines S.A.S. biss, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel il-ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika propretarja jew għad-*data* xjentifika riżervata protetta b'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bil-qbil ta' Armor Protéines S.A.S.<br>Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-*data*: l-20 ta' Novembru 2023." |
| | Formuli tat-trabi kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 | 30 mg/100 g (trab)<br>3,9 mg/100 mL (rikostitwit) | | | |
| | Formuli tal-prosegwiment kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 | 30 mg/100 g (trab)<br>4,2 mg/100 mL (rikostitwit) | | | |
| | Sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 | 300 mg kuljum | | | |
| | Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 | 58 mg kuljum għat-tfal żgħar<br>380 mg kuljum għal tfal u adolexxenti minn 3 snin sa 18-il sena<br>610 mg kuljum għall-adulti | | | |
| | Supplimenti tal-ikel kif iddefinit fid-Direttiva 2002/46/KE | 58 mg kuljum għat-tfal żgħar<br>250 mg kuljum għal tfal u adolexxenti minn 3 snin sa 18-il sena<br>610 mg kuljum għall-adulti | | | |

(3) Tiddaħħal l-entrata li ġejja fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| L-Ikel il-Ġdid awtorizzat | Speċifikazzjoni |
|---|---|
| "Iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin | **Deskrizzjoni**<br>L-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin huwa trab griż fl-isfar miksub minn ħalib xkumat tal-baqar permezz ta' serje ta' stadji ta' iżolament u purifikazzjoni.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>Total ta' proteini (w/il-piż tal-prodott): ≥ 90 %<br>Lattoferrina (w/il-piż tal-prodott): 25-75 %<br>Lattoperossidażi (w/il-piż tal-prodott): 10-40 %<br>Proteini oħra (w/il-piż tal-prodott): ≤ 30 %<br>TGF-β2: 12-18 mg/100 g<br>Indewwa: ≤ 6,0 %<br>pH (soluzzjoni ta' 5 % w/v): 5,5 – 7,6<br>Lattożju: ≤ 3,0 %<br>Xaħam: ≤ 4,5 %<br>Irmied: ≤ 3,5 %<br>Ħadid: ≤ 25 mg/100 g<br>**Metalli Tqal**<br>Ċomb: < 0,1 mg/kg<br>Kadmju: < 0,2 mg/kg<br>Merkurju: < 0,6 mg/kg<br>Arseniku: < 0,1 mg/kg<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>L-għadd tal-meżofiliċi aerobiċi: ≤ 10 000 CFU/g<br>*Enterobacteriaceae*: ≤ 10 CFU/g<br>*Escherichia coli*: Negattiv/g<br>*Staphylococci* koagulażi pożittivi: Negattiv/g<br>*Salmonella*: Negattiv/25 g<br>*Listeria*: Negattiv/25 g<br>*Cronobacter* spp.: Negattiv/25 g<br>Mofof: ≤ 50 CFU/g<br>Ħmejjer: ≤ 50 CFU/g<br>CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji" |

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1633**

**tat-30 ta’ Ottubru 2018**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li fis-suq fl-Unjoni jista’ jitqiegħed biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]), li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta’ ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni jeħtieġ tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta’ ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Fit-22 ta’ Diċembru 2016, il-kumpanija Marealis AS (“l-Applikant”) talbet lill-awtorità kompetenti tal-Finlandja biex tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli prodott mill-idroliżi enżimatika tal-qxur u l-irjus tal-gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*), bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-applikazzjoni titlob li l-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli jintuża fis-supplimenti tal-ikel għall-popolazzjoni adulta ġenerali.

(5) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kwalunkwe talba għat-tqegħid fis-suq ta’ ikel ġdid fl-Unjoni mressqa lil Stat Membru f’konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel, u li għaliha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni finali qabel l-1 ta’ Jannar 2018, għandha tiġi trattata bħala applikazzjoni mressqa skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.

(6) Filwaqt li t-talba għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli bħala ikel ġdid tressqet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Fit-8 ta’ Marzu 2017, l-awtorità kompetenti tal-Finlandja ħarġet ir-rapport ta’ valutazzjoni inizjali tagħha. F’dak ir-rapport ikkonkludiet li l-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli jissodisfa l-kriterji għal ingredjent tal-ikel ġdid kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(8) Fit-13 ta’ Marzu 2017, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta’ valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra. Kien hemm oġġezzjonijiet motivati minn Stati Membri oħra fi żmien il-perjodu ta’ 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 fir-rigward tas-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli għall-konsumaturi b’ipotensjoni, normotensjoni u ipertensjoni minħabba l-effetti antiipertensivi putattivi tiegħu, l-effetti kollaterali potenzjali marbuta mal-inibizzjoni postulata tiegħu tal-enzima ta’ konverżjoni tal-anġjotensina (ACE) u l-effetti kardijaċi potenzjali, u l-interazzjonijiet potenzjali tiegħu ma’ mediċini użati fit-trattament ta’ disturbi tal-pressjoni tad-demm.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta’ Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

(9) Fid-dawl tal-oġġezzjonijiet li għamlu l-Istati Membri l-oħra, fil-21 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u talbitha twettaq valutazzjoni oħra għall-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli, bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(10) Fit-2 ta' Frar 2018, l-Applikant talab lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* proprjetarja għal għadd ta' studji mressqa bħala sostenn tal-applikazzjoni, jiġifieri studju dwar is-sinteżi de novo tal-peptidi ([1]), ir-rapport analitiku tal-istudju dwar l-effetti inibitorji tal-ACE ([2]), studju dwar it-tossiċità orali akuta ([3]), assaġġ *in vitro* tar-retromutazzjoni batterjali ([4]), studju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali ([5]), studju ta' valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħitom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata ([6]), u studju parallel, double-blind u kkontrollat bi plaċebo dwar il-valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza ta' tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli f'supplimenti djetetiċi fi bnedmin b'saħħithom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata ([7]). L-Applikant tenna mill-ġdid din it-talba f'applikazzjoni sussegwenti mressqa fid-29 ta' Marzu 2018.

(11) Fit-18 ta' April 2018, l-Awtorità adottat "Scientific Opinion on the safety of shrimp peptide concentrate as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" (Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tal-konċentrat tal-peptidi tal-gambli bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283) ([8]). Dik l-opinjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(12) Dik l-opinjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fl-użi u fil-livelli tal-użu proposti meta użat bħala ingredjent fis-supplimenti tal-ikel, jikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(13) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità qieset li d-*data* mill-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali serviet bħala bażi biex jiġi vvalutat il-profil tat-tossiċità tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli u biex jiġi stabbilit il-livell bla effett ħażin osservat (NOAEL) relatat. Id-*data* mill-istudju ta' valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħitom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, u d-*data* mill-istudju parallel, double-blind u kkontrollat bi plaċebo dwar il-valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza ta' suppliment djetetiku tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħithom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, serviet bħala bażi biex tiġi stabbilita s-sikurezza tal-ikel ġdid għal din il-kategorija ta' konsumaturi. Għaldaqstant, huwa meqjus li l-konklużjonijiet dwar is-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli, ma setgħux jintlaħqu mingħajr id-*data* mir-rapporti mhux ippubblikati ta' dawn l-istudji.

(14) Wara li rċeviet l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni talbet lill-Applikant sabiex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni mogħtija fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq ir-rapporti ta' studju, u biex jiċċara l-pretensjoni tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għal dawn l-istudji, kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-Applikant iddikjara wkoll li fil-mument meta tressqet l-applikazzjoni, huwa kellu d-drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-istudji skont il-liġi nazzjonali, u li, għaldaqstant, il-partijiet terzi ma setgħux jaċċessaw jew jużaw dawk l-istudji b'mod legali. Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha mogħtija mill-Applikant u tqis li l-Applikant iġġustifika biżżejjed li ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(15) Għaldaqstant, kif previst skont l-Artkolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, l-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali, l-istudju ta' valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħitom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, u l-istudju parallel, double-blind u kkontrollat bi plaċebo dwar il-valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza ta' suppliment djetetiku tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħithom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, li jinsabu fil-fajl tal-Applikant, u li mingħajrhom l-Awtorità ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid, jenħtieġ li għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma jintużawx mill-Awtorità għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti. B'konsegwenza ta' dan, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ristrett għall-Applikant għal perjodu ta' ħames snin.

(16) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' dan l-ikel ġdid u tar-referenza għall-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali, l-istudju ta' valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħitom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, u l-istudju parallel, double-blind u kkontrollat bi plaċebo dwar il-valutazzjoni tal-effetti antiipertensivi u s-sikurezza ta' suppliment djetetiku tal-konċentrat

([1]) Marealis A.S., 2016.
([2]) Marealis A.S., 2009-2016.
([3]) Marealis A.S., 2010.
([4]) Marealis A.S., 2011.
([5]) Marealis A.S., 2011.
([6]) Sarkkinen, E., et al. 2013.
([7]) Pelipyagina, T., 2016.
([8]) *EFSA Journal* 2018; 16(5):5267.

raffinat tal-peptidi tal-gambli fi bnedmin b'saħħithom b'ipertensjoni ħafifa jew moderata, li jinsabu fil-fajl tal-Applikant għall-użu esklużiv tal-Applikant, ma twaqqafx lil applikanti oħra milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, diment li l-applikazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq informazzjoni miksuba b'mod legali li tappoġġa l-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament.

(17) Minħabba li s-sors tal-ikel ġdid ġej mill-krustaċji, u jista' jkollu traċċi ta' ħut, ta' krustaċji oħra jew ta' molluski, li huma elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) bħala sustanzi jew prodotti li jikkawżaw l-allerġiji jew l-intolleranzi, is-supplimenti tal-ikel li jkun fihom il-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli jenħtieġ li jkunu tikkettati kif xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament.

(18) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. L-użu tal-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli jenħtieġ li jkun awtorizzat mingħajr preġudizzju għal dik id-Direttiva.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Applikant inizjali biss:

— Kumpanija: Marealis AS;

— Indirizz: Stortorget 1, Kystens Hus, 2nd floor, N-9008 Tromsø Indirizz postali: P.O. Box 1065, 9261 Tromsø, In-Norveġja;

huwa awtorizzat li jqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-*data* protetta skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jew bi ftehim ma' Marealis AS.

3. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet għall-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

4. L-awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

*Artikolu 2*

L-istudji li jinsabu fil-fajl tal-applikazzjoni li abbażi tiegħu l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1 ġie vvalutat mill-Awtorità, u li l-Applikant iddikjara li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283, ma għandhomx jintużaw għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti mingħajr il-qbil ta' Marealis AS, għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

([2]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) l-aħħar kolonna li ġejja tiżdied mat-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat):

| "Protezzjoni tad-*Data*" |
|---|

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetiku:

| L-ikel il-ġdid awtorizzat | Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid | | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn | Rekwiżiti oħrajn | Protezzjoni tad-*data* |
|---|---|---|---|---|---|
| "Konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli | *Il-kategorija tal-ikel speċifikat* | *Livelli massimi* | Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli". | | Awtorizzat fl-20 ta' Novembru 2018. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika proprjetarja u *data* xjentifika proprjetarji protetti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283.<br>Applikant: Marealis AS, Stortorget 1, Kystens Hus, 2nd floor, N-9008 Tromsø Indirizz postali: P.O. Box 1065, 9261 Tromsø, In-Norveġja. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-*data,* l-ikel ġdid "konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli" huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn Marealis AS biss, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-*data* xjentifika proprjetarja protetta skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bil-qbil ta' Marealis AS.<br>Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-*data*: l-20 ta' Novembru 2023." |
| | Supplimenti tal-Ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE għall-popolazzjoni adulta | 1 200 mg kuljum | | | |

(3) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| L-Ikel il-Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjoni |
|---|---|
— gmina Milejewo i część obszaru lądowego gminy Tolkmicko położona na południe od linii brzegowej Zalewu Wiślanego i Zatoki Elbląskiej do granicy z gminą wiejską Elbląg w powiecie elbląskim,

— powiat olecki,

— gminy Orzysz, Biała Piska i część gminy Pisz położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 58 w powiecie piskim,

— gmina Frombork, część gminy wiejskiej Braniewo położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr E28 i S22 i miasto Braniewow powiecie braniewskim,

— gminy Kętrzyn z miastem Kętrzyn, Reszel i część gminy Korsze położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy łączącą miejscowości Krelikiejmy i Sątoczno i na wschód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Sątoczno, Sajna Wielka biegnącą do skrzyżowania z drogą nr 590 w miejscowości Glitajny, a następnie na wschód od drogi nr 590 do skrzyżowania z drogą nr 592 i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 592 biegnącą od zachodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 590 w powiecie kętrzyńskim,

— część gminy wiejskiej Lidzbark Warmiński położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 511 oraz na północny zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 51 i miasto Lidzbark Warmiński w powiecie lidzbarskim,

— część gminy Sorkwity położona na północ od drogi nr 16 i część gminy wiejskiej Mrągowo położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 16 biegnącą od zachodniej granicy gminy do granicy miasta Mrągowo oraz na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 59 biegnącą od wschodniej granicy gminy do granicy miasta Mrągowo;

— w województwie podlaskim:

— powiat grajewski,

— powiat moniecki,

— powiat sejneński,

— gminy Łomża, Piątnica, Śniadowo, Jedwabne, Przytuły i Wizna w powiecie łomżyńskim,

— powiat miejski Łomża,

— gminy Mielnik, Nurzec – Stacja, Grodzisk, Drohiczyn, Dziadkowice, Milejczyce i Siemiatycze z miastem Siemiatycze w powiecie siemiatyckim,

— powiat hajnowski,

— gminy Kobylin-Borzymy i Sokoły w powiecie wysokomazowieckim,

— część gminy Zambrów położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr S8 w powiecie zambrowskim,

— gminy Grabowo i Stawiski w powiecie kolneńskim,

— gminy Czarna Białostocka, Dobrzyniewo Duże, Gródek, Juchnowiec Kościelny, Łapy, Michałowo, Supraśl, Suraż, Turośń Kościelna, Tykocin, Wasilków, Zabłudów, Zawady i Choroszcz w powiecie białostockim,

— gminy Boćki, Orla i Bielsk Podlaski z miastem Bielsk Podlaski w powiecie bielskim,

— gmina Puńsk, część gminy Krasnopol położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 653, część gminy Sejny położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 653 i na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 663 i miasto Sejny w powiecie sejneńskim,

— gminy Bakałarzewo, Filipów, Jeleniewo, Raczki, Rutka-Tartak, Suwałki i Szypliszki w powiecie suwalskim,

— powiat miejski Suwałki,

— powiat augustowski,

— powiat sokólski,

— powiat miejski Białystok.

w województwie mazowieckim:

— gminy Przesmyki, Wodynie, Skórzec i część gminy Mordy położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 698 biegnącą od zachodniej granicy gminy do północno – wschodniej granicy gminy i część gminy Zbuczyn położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północno-wschodniej do południowej granicy gminy i łączącą miejscowości Tarcze, Choja, Zbuczyn, Grodzisk, Dziewule i Smolanka w powiecie siedleckim,

— gminy Repki, Jabłonna Lacka, część gminy Bielany położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 63 i część gminy wiejskiej Sokołów Podlaski położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 63 w powiecie sokołowskim,

— powiat łosicki,

— gmina Brochów w powiecie sochaczewskim,

— powiat nowodworski,

— gminy Joniec i Nowe Miasto w powiecie płońskim,

— gminy Pokrzywnica, Świercze i część gminy Winnica położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Bielany, Winnica i Pokrzywnica w powiecie pułtuskim,

— gminy Dąbrówka, Kobyłka, Marki, Radzymin, Wołomin, Zielonka i Ząbki w powiecie wołomińskim,

— część gminy Somianka położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 62 w powiecie wyszkowskim,
— gminy Dębe Wielkie, Halinów, Sulejówek miasto Mińsk Mazowiecki i części gminy Latowicz położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy przez miejscowość Stawek do skrzyżowania z drogą nr 802 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 802 biegnącą od tego skrzyżowania do wschodniej granicy gminy w powiecie mińskim,
— gminy Borowie, Wilga i Garwolin z miastem Garwolin, Maciejowice i część gminy Miastków Kościelny położona na północ od rzeki Wilga w powiecie garwolińskim,
— gminy Celestynów, Józefów, Karczew, Osieck, Otwock, Sobienie Jeziory i Wiązowna w powiecie otwockim
— powiat warszawski zachodni,
— powiat legionowski,
— powiat piaseczyński,
— powiat pruszkowski,
— gminy Chynów, Grójec, Jasieniec, Pniewy i Warka w powiecie grójeckim,
— gminy Milanówek, Grodzisk Mazowiecki, Podkowa Leśna i Żabia Wola w powiecie grodziskim,
— gminy Grabów nad Pilicą, Magnuszew, Głowaczów, Kozienice w powiecie kozienickim,
— część gminy Stromiec położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 48 w powiecie białobrzeskim,
— powiat miejski Warszawa.

w województwie lubelskim:

— gminy Czemierniki, Kąkolewnica, Komarówka Podlaska, Wohyń, część gminy Borki położona na południowy – wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 19, miasto Radzyń Podlaski, część gminy wiejskiej Radzyń Podlaski położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północno-zachodniej granicy gminy i łącząca miejscowości Brzostówiec i Radowiec do jej przecięcia z granicą miasta Radzyń Podlaski, następnie na wschód od linii stanowiącej granicę miasta Radzyń Podlaski biegnącej do południowej granicy gminy i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 biegnącą od południowo zachodniej granicy gminy do granicy miasta Radzyń Podlaski oraz na południe od południowej granicy miasta Radzyń Podlaski do granicy gminy w powiecie radzyńskim,
— gminy Stoczek Łukowski z miastem Stoczek Łukowski, Wola Mysłowska, Trzebieszów, część gminy Krzywda położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę biegnąca od północnej granicy gminy w kierunku południowym i łączącą miejscowości Kożuchówka, Krzywda i Adamów, część gminy Stanin położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 807, i część gminy wiejskiej Łuków położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy przez miejscowość Wólka Świątkowa do północnej granicy miasta Łuków i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 806 biegnącą od wschodniej granicy miasta Łuków do wschodniej granicy gminy wiejskiej Łuków i część miasta Łuków położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 63 biegnącą od północnej granicy miasta Łuków do skrzyżowania z drogą nr 806 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 806 biegnącą od tego skrzyżowania do wschodniej granicy miasta Łuków w powiecie łukowskim,
— gminy Janów Podlaski, Kodeń, Tuczna, Leśna Podlaska, Rossosz, Łomazy, Konstantynów, Piszczac, Rokitno, Biała Podlaska, Zalesie, Terespol z miastem Terespol, Drelów, Międzyrzec Podlaski z miastem Międzyrzec Podlaski w powiecie bialskim,
— powiat miejski Biała Podlaska,
— gmina Łęczna i część gminy Spiczyn położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 829 w powiecie łęczyńskim,
— część gminy Siemień położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 815 i część gminy Milanów położona na zachód od drogi nr 813 w powiecie parczewskim,
— gminy Niedźwiada, Ostrówek, Abramów, Firlej, Kamionka, Michów i Lubartów z miastem Lubartów, w powiecie lubartowskim,
— gminy Niemce i Garbów w powiecie lubelskim,
— część gminy Piaski położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 17 biegnącą od wschodniej granicy gminy Piaski do skrzyżowania z drogą nr S12 i na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od skrzyżowania dróg nr 17 i nr S12 przez miejscowość Majdan Brzezicki do północnej granicy gminy w powiecie świdnickim;
— gmina Fajsławice, Kraśniczyn, część gminy Krasnystaw położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 17 biegnącą od północno – wschodniej granicy gminy do granicy miasta Krasnystaw, miasto Krasnystaw i część gminy Łopiennik Górny położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 17 w powiecie krasnostawskim,

— gminy Dołhobyczów, Mircze i część gminy wiejskiej Hrubieszów położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 844 oraz na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 74 i miasto Hrubieszów w powiecie hrubieszowskim,

— gmina Telatyn w powiecie tomaszowskim,

— część gminy Wojsławice położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy przez miejscowość Wojsławice do południowej granicy gminy w powiecie chełmskim,

— gmina Grabowiec w powiecie zamojskim,

— gminy Markuszów, Nałęczów, Kazimierz Dolny, Końskowola, Kurów, Wąwolnica, Żyrzyn, Baranów, część gminy wiejskiej Puławy położona na wschód od rzeki Wisły i miasto Puławy w powiecie puławskim.

PARTI III

1. **Il-Latvja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Latvja:

— Brocēnu novada Cieceres un Gaiķu pagasts, Remtes pagasta daļa uz rietumiem no autoceļa 1154 un P109, Brocēnu pilsēta,

— Kuldīgas novada Pelču, Snēpeles un Vārmes pagasts, Rumbas pagasta daļa uz dienvidiem no autoceļa P120, Kurmāles pagasta daļa uz austrumiem no autoceļa 1283 un 1290, un uz dienvidrietumiem no autoceļa P118,

— Saldus novada Saldus, Zirņu, Lutriņu, Zaņas, Ezeres un Jaunlutriņu pagasts, Saldus pilsēta.

2. **Il-Litwanja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Litwanja:

— Akmenės rajono savivaldybė,

— Alytaus miesto savivaldybė,

— Alytaus rajono savivaldybė: Alytaus, Alovės, Butrimonių, Daugų, Nemunaičio, Pivašiūnų, Punios ir Raitininkų seniūnijos,

— Birštono savivaldybė,

— Jurbarko rajono savivaldybė: Girdžių, Juodaičių, Raudonės, Seredžiaus, Skirsnemunės, Šimkaičių ir Veliuonos seniūnijos,

— Joniškio rajono savivaldybė,

— Kaišiadorių rajono savivaldybė: Paparčių ir Žaslių seniūnijos,

— Kelmės rajono savivaldybė: Tytyvėnų seniūnijos dalis į rytus ir pietus nuo kelio Nr. 157 ir į rytus nuo kelio Nr. 2105 ir Tytuvėnų apylinkių seniūnijos dalis į pietus nuo kelio Nr. 157 ir į rytus nuo kelio Nr. 2105,

— Lazdijų rajono savivaldybė,

— Marijampolės savivaldybė: Degučių, Mokolų, Narto, Marijampolės seniūnijos,

— Mažeikių rajono savivaldybės: Laižuvos, Mažeikių apylinkės, Mažeikių, Reivyčių, Tirkšlių ir Viekšnių seniūnijos,

— Molėtų rajono savivaldybė: Dubingių, Giedraičių seniūnijos,

— Prienų rajono savivaldybė: Jiezno ir Stakliškių seniūnijos,

— Radviliškio rajono savivaldybė: Baisogalos seniūnijos dalis į rytus nuo kelio Nr. 144, Grinkiškio, Pakalniškių, Sidabravo, Skėmių seniūnijos, Šeduvos miesto seniūnijos dalis į šiaurę nuo kelio Nr. A9 ir į rytus nuo kelio Nr. 3417, Šaukoto ir Šiaulėnų seniūnijos,

— Raseinių rajono savivaldybė: Kalnųjų seniūnijos ir Girkalnio seniūnijos dalis į pietus nuo kelio Nr. A1,

— Šakių rajono savivaldybė: Gelgaudiškio, Kidulių, Plokščių ir Šakių seniūnijos,

— Šiaulių miesto savivaldybė,

— Šiaulių rajono savivaldybė,

— Širvintų rajono savivaldybė: Alionių seniūnija,

— Telšių rajono savivaldybė: Tryškių seniūnija,

— Vilniaus rajono savivaldybė: Paberžės sen.

3. **Il-Polonja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Polonja:

w województwie warmińsko-mazurskim:

— gminy Lelkowo, Pieniężno, Płoskinia, Wilczęta i część gminy wiejskiej Braniewo położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr E28 i S22 w powiecie braniewskim,

— gminy Bartoszyce z miastem Bartoszyce, Górowo Iławeckie z miastem Górowo Iławeckie i Sępopol w powiecie bartoszyckim,

— gmina Młynary w powiecie elbląskim,

— część gminy Kiwity położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 513 i część gminy Lidzbark Warmiński położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 513 biegnącą od wschodniej granicy gminy do wschodniej granicy miasta Lidzbark Warmiński i na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 511 w powiecie lidzbarskim,

— gminy Srokowo, Barciany i część gminy Korsze położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy łączącą miejscowości Krelikiejmy i Sątoczno i na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Sątoczno, Sajna Wielka biegnącą do skrzyżowania z drogą nr 590 w miejscowości Glitajny, a następnie na zachód od drogi nr 590 do skrzyżowania z drogą nr 592 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 592 biegnącą od zachodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 590 w powiecie kętrzyńskim,

— gmina Budry i część gminy Węgorzewo położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 63 biegnącą od południowo-wschodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 650, a następnie na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 650 biegnącą od skrzyżowania z drogą nr 63 do skrzyżowania z drogą biegnącą do miejscowości Przystań i na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Przystań, Pniewo, Kamionek Wielki, Radzieje, Dłużec w powiecie węgorzewskim,

— część gminy Banie Mazurskie położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 650 w powiecie gołdapskim,

w województwie mazowieckim:

— gminy Domanice, Korczew, Paprotnia, Wiśniew, Mokobody, Siedlce, Suchożebry, część gminy Kotuń położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Nowa Dąbrówka, Pieróg, Kotuń wzdłuż ulicy Gorzkowskiego i Kolejowej do przejazdu kolejowego łączącego się z ulicą Siedlecką, Broszków, Żuków, część gminy Mordy położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 698 biegnącą od zachodniej granicy gminy do północno – wschodniej granicy gminy w powiecie siedleckim,

— powiat miejski Siedlce,

— gmina Siennica, część gminy Mińsk Mazowiecki położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 92 biegnącą od zachodniej granicy gminy do granicy miasta Mińsk Mazowiecki i na południe od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy miasta Mińsk Mazowiecki łączącą miejscowości Targówka, Budy Barcząckie do wschodniej granicy gminy, część gminy Cegłów położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od zachodniej granicy gminy łączącą miejscowości Wiciejów, Mienia, Cegłów i na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Cegłów, Skwarne i Podskwarne biegnącą do wschodniej granicy gminy i części gminy Latowicz położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy przez miejscowość Stawek do skrzyżowania z drogą nr 802 i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 802 biegnącą od tego skrzyżowania do wschodniej granicy gminy w powiecie mińskim,

— gmina Kołbiel w powiecie otwockim,

— gminy Parysów i Pilawa w powiecie garwolińskim,

w województwie lubelskim:

— gminy Białopole, Dubienka, Chełm, Leśniowice, Wierzbica, Sawin, Ruda Huta, Dorohusk, Kamień, Rejowiec, Rejowiec Fabryczny z miastem Rejowiec Fabryczny, Siedliszcze, Żmudź i część gminy Wojsławice położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy do miejscowości Wojsławice do południowej granicy gminy w powiecie chełmskim,

— powiat miejski Chełm,

— gmina Siennica Różana część gminy Łopiennik Górny położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 17 i część gminy Krasnystaw położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 17 biegnącą od północno – wschodniej granicy gminy do granicy miasta Krasnystaw w powiecie krasnostawskim,

— gminy Hanna, Hańsk, Wola Uhruska, Urszulin, Stary Brus, Wyryki i gmina wiejska Włodawa w powiecie włodawskim,

— gminy Cyców, Ludwin, Puchaczów, Milejów i część gminy Spiczyn położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 829 w powiecie łęczyńskim,

— gmina Trawniki w powiecie świdnickim,

— gminy Jabłoń, Podedwórze, Dębowa Kłoda, Parczew, Sosnowica, część gminy Siemień położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 815 i część gminy Milanów położona na wschód od drogi nr 813 w powiecie parczewskim,

— gminy Sławatycze, Sosnówka, i Wisznice w powiecie bialskim,

— gmina Ulan Majorat, część gminy wiejskiej Radzyń Podlaski położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północno-zachodniej granicy gminy i łączącą miejscowości Brzostówiec i Radowiec do jej przecięcia z granicą miasta Radzyń Podlaski, a następnie na zachód od linii stanowiącej granicę miasta Radzyń Podlaski do jej przecięcia z drogą nr 19 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 biegnącą od południowo zachodniej granicy gminy do granicy miasta Radzyń Podlaski, część gminy Borki położona na północny – zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 w powiecie radzyńskim,

— gminy, Ostrów Lubelski, Serniki i Uścimów w powiecie lubartowskim,

— gminy Wojcieszków, część gminy wiejskiej Łuków położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od północnej granicy gminy przez miejscowość Wólka Świątkowa do północnej granicy miasta Łuków, a następnie na północ, zachód, południe i wschód od linii stanowiącej północną, zachodnią, południową i wschodnią granicę miasta Łuków do jej przecięcia się z drogą nr 806 i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 806 biegnącą od wschodniej granicy miasta Łuków do wschodniej granicy gminy wiejskiej Łuków, część miasta Łuków położona na zachód i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 63 biegnącą od północnej granicy miasta Łuków do skrzyżowania z drogą nr 806 i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 806 biegnącą do wschodniej granicy miasta Łuków, część gminy Stanin położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 807 i część gminy Krzywda położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnąca od północnej granicy gminy w kierunku południowym i łączącą miejscowości Kożuchówka, Krzywda i Adamów w powiecie łukowskim;

— gminy Horodło, Uchanie i część gminy wiejskiej Hrubieszów położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 844 biegnącą od zachodniej granicy gminy wiejskiej Hrubieszów do granicy miasta Hrubieszów oraz na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 74 biegnącą od wschodniej granicy miasta Hrubieszów do wschodniej granicy gminy wiejskiej Hrubieszów w powiecie hrubieszowskim,

w województwie podkarpackim:

— gminy Cieszanów, Lubaczów z miastem Lubaczów i część gminy Oleszyce położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy gminy przez miejscowość Borchów do skrzyżowania z drogą nr 865 w miejscowości Oleszyce, a następnie na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 865 biegnącą w kierunku północno-wschodnim do skrzyżowania z drogą biegnąca w kierunku północno-zachodnim przez miejscowość Lubomierz - na północ od linii wyznaczonej przez tę drogę do skrzyżowania z drogą łączącą miejscowości Uszkowce i Nowy Dzików – na wschód od tej drogi w powiecie lubaczowskim.

4. **Ir-Rumanija**

Iż-żoni li ġejjin fir-Rumanija:

— Zona orașului București,

— Județul Constanța,

— Județul Satu Mare,

— Județul Tulcea,

— Județul Bacău,

— Județul Bihor,

— Județul Brăila,

— Județul Buzău,

— Județul Călărași,

— Județul Dâmbovița,

— Județul Galați,

— Județul Giurgiu,

— Județul Ialomița,

— Județul Ilfov,
— Județul Prahova,
— Județul Sălaj,
— Județul Vaslui,
— Județul Vrancea,
— Județul Teleorman,
— Județul Olt,
— Partea din județul Maramureș cu următoarele delimitări:
  — Comuna Petrova,
  — Comuna Bistra,
  — Comuna Repedea,
  — Comuna Poienile de sub Munte,
  — Comuna Vișeu e Jos,
  — Comuna Ruscova,
  — Comuna Leordina,
  — Comuna Rozavlea,
  — Comuna Strâmtura,
  — Comuna Bârsana,
  — Comuna Rona de Sus,
  — Comuna Rona de Jos,
  — Comuna Bocoiu Mare,
  — Comuna Sighetu Marmației,
  — Comuna Sarasau,
  — Comuna Câmpulung la Tisa,
  — Comuna Săpânța,
  — Comuna Remeti,
  — Comuna Giulești,
  — Comuna Ocna Șugatag,
  — Comuna Desești,
  — Comuna Budești,
  — Comuna Băiuț,
  — Comuna Cavnic,
  — Comuna Lăpuș,
  — Comuna Dragomirești,
  — Comuna Ieud,
  — Comuna Saliștea de Sus,
  — Comuna Săcel,
  — Comuna Călinești,
  — Comuna Vadu Izei,
  — Comuna Botiza,
  — Comuna Bogdan Vodă,
  — Localitatea Groșii Țibileșului, comuna Suciu de Sus,
  — Localitatea Vișeu de Mijloc, comuna Vișeu de Sus,
  — Localitatea Vișeu de Sus, comuna Vișeu de Sus.

PARTI IV

**L-Italja**

Iż-żoni li ġejjin fl-Italja:

— tutto il territorio della Sardegna."

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ (UE) 2018/1636

## tat-23 ta' Ottubru 2018

## li ġġedded u temenda r-restrizzjoni temporanja fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796 dwar il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' kuntratti għal differenzi lil klijenti mhux professjonali

IL-BORD TAS-SUPERVIŻURI TAL-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010, li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(5), 43(2) u 44(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 40 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/567 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjonijiet, it-trasparenza, il-kompressjoni tal-portafoll u l-miżuri superviżorji fuq l-intervent fuq prodotti u pożizzjonijiet ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tagħha (UE) 2018/796 ([4]), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) irrestrinġiet il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' kuntratti għal differenzi (CFDs) lil klijenti mhux professjonali b'effett mill-1 ta' Awwissu 2018 għal perjodu ta' tliet xhur.

(2) F'konformità mal-Artikolu 40(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-ESMA trid tirrieżamina miżura temporanja dwar l-intervent fuq il-prodott f'intervalli xierqa u tal-inqas kull tliet xhur.

(3) Ir-rieżami tal-ESMA tar-restrizzjoni fuq CFDs ġiet informata minn, *inter alia*, stħarriġ fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ([5]) (NCAs) dwar l-applikazzjoni prattika u l-impatt tal-miżura dwar l-intervent fuq il-prodott kif ukoll informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-NCAs u mill-partijiet ikkonċernati.

(4) L-NCAs sabu biss eżempji limitati ta' nonkonformità mal-miżura tal-ESMA dwar l-intervent fuq il-prodott, li prinċipalment kienu relatati mat-twissijiet ta' riskju.

(5) L-NCAs irrapportaw tnaqqis ġenerali fin-numru ta' kontijiet ta' klijenti mhux professjonali tas-CFD, volum ta' negozjar u ekwità totali ta' klijenti mhux professjonali tul ix-xahar ta' Awwissu 2018 meta mqabbel ma' Awwissu 2017. Is-sehem ta' kontijiet ta' klijenti mhux professjonali profitabbli naqas ftit, iżda dan jidher li ġej prinċipalment mill-prezzijiet dejjem jogħlew tal-kriptovaluti f'Awwissu 2017 ([6]). It-tqabbil tar-riżultati tal-klijenti

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
([2]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.
([3]) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 90.
([4]) Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (UE) 2018/796 tat-22 ta' Mejju 2018 li tirrestrinġi b'mod temporanju kuntratti għal differenzi fl-Unjoni skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 136, 1.6.2018, p. 50).
([5]) 23 NCAs irrispondew: Financial Services and Markets Authority (BE – FSMA), Czech National Bank (CZ – CNB), Finanstilsynet (DK-Finanstilsynet), Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (DE – BaFin), Central Bank of Ireland (IE – CBI), Ελληνική Επιτροπή Κεφαλαιαγοράς (EL-HCMC), Comisión Nacional del Mercado de Valores (ES – CNMV), Autorité des Marchés Financiers (FR – AMF), Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (IT – Consob), Cyprus Securities and Exchange Commission (CY-CySEC), Finanšu un kapitāla tirgus komisija (LV - FKTK), Commission de Surveillance du Secteur Financier (LU – CSSF), Magyar Nemzeti Bank (HU – MNB), Malta Financial Services Authority (MT – MFSA), Autoriteit Financiële Markten (NL-AFM), Financial Market Authority (AT – FMA), Komisja Nadzoru Finansowego (PL - KNF), Comissão do Mercado de Valores Mobiliários (PT – CMVM), Romanian Financial Supervisory Authority (RO – FSA), Agencija za trg vrednostnih papirjev (SI - ATVP), Finnish Financial Supervisory Authority (FI – FSA), Financial Conduct Authority (UK- FCA), Fjármálaeftirlitið (IS - FME).
([6]) Pereżempju, għal Bitcoins il-bidla tal-perċentwal fil-prezz mill-31 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Awwissu 2017 kienet + 65,8 % meta mqabbla ma' – 9,3 % tul l-istess perjodu fl-2018 (Disponibbli fuq Coindesk.com – https://www.coindesk.com/).

fuq medda ta' żmien jiġi affettwat mhux biss mill-miżuri ta' intervent fuq il-prodott, iżda wkoll pereżempju mill-kundizzjonijiet tas-suq. Il-kundizzjonijiet tas-suq f'Awwissu 2017 kienu pożittivi meta mqabbla ma' Awwissu 2018. Barra minn hekk, il-popolazzjoni ta' klijenti mhux professjonali mbidlet ([1]). Fl-aħħar nett, l-NCAs irrapportaw tnaqqis fin-numru tal-għeluq awtomatiku u l-okkorrenzi li l-kontijiet spiċċaw f'ekwità negattiva ([2]).

(6) L-NCAs irrapportaw żieda fin-numru ta' klijenti ttrattati bħala klijenti professjonali fuq talba tul ix-xahar ta' Awwissu 2018 meta mqabbel ma' Awwissu 2017. L-ESMA hija konxja li xi fornituri ta' CFD qed jirreklamaw lill-klijenti mhux professjonali il-possibbiltà li jsiru klijenti professjonali fuq talba. Madankollu, klijent mhux professjonali jista' jitlob li jiġi ttrattat bħala klijent professjonali meta, b'mod partikolari, il-klijent jissottometti talba bil-miktub f'konformità mar-rekwiżiti kollha stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli. Il-fornituri għandhom jiżguraw li huma jikkonformaw dejjem ma' dawk ir-rekwiżiti ([3]). L-ESMA hija konxja wkoll li xi ditti ta' pajjiżi terzi qed jersqu b'mod attiv lejn klijenti tal-Unjoni jew li xi fornituri ta' CFD fl-Unjoni qed jikkummerċjalizzaw il-possibbiltà li klijenti mhux professjonali jmexxu l-kontijiet tagħhom f'entità intragrupp ta' pajjiż terz. Madankollu, mingħajr awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni fl-Unjoni, ditti ta' pajjiżi terzi jistgħu biss joffru servizzi lil klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni fuq inizjattiva proprja esklussiva tal-klijent. Fl-aħħar nett, l-ESMA hija konxja li d-ditti qed jibdew jipprovdu prodotti oħra ta' investiment spekulattiv. L-ESMA ser tkompli tissorvelja l-offerta ta' dawn il-prodotti l-oħra biex tiddetermina jekk miżuri oħra tal-Unjoni jkunux xierqa.

(7) Matul il-perjodu ta' rieżami, l-ESMA ma kisbitx evidenza li tikkontradixxi s-sejba ġenerali tagħha rigward tħassib sinifikanti dwar il-protezzjoni tal-investitur identifikata fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796. Għaldaqstant l-ESMA kkonkludiet li t-tħassib sinifikanti rigward il-protezzjoni tal-investitur identifikat fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796 ser jippersisti jekk ma tiġġeddidx id-deċiżjoni tagħha li tirrestrinġi l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' CFDs lil klijenti mhux professjonali.

(8) Sa mill-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, ir-rekwiżiti regolatorji eżistenti applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni ma nbidlux u jibqgħu ma jindirizzawx it-theddid identifikat mill-ESMA. Barra minn hekk, l-NCAs ma ħadux azzjoni biex jindirizzaw it-theddid jew l-azzjonijiet meħudin ma jindirizzawx it-theddid b'mod adegwat. B'mod partikolari, sa mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni, l-ebda NCA ma adottat il-miżura proprja nazzjonali dwar l-intervent fuq il-prodott skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ([4]).

(9) It-tiġdid tar-restrizzjoni stipulata fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796 m'għandux effett detrimentali fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji jew fuq l-investituri li huwa sproporzjonat għall-benefiċċji tal-azzjoni u ma joħloqx riskju ta' arbitraġġ regolatorju għall-istess raġunijiet stipulati f'dik id-Deċiżjoni.

(10) Jekk ir-restrizzjoni temporanjama tiġġeddidx, l-ESMA tikkunsidra li x'aktarx is-CFDs ser jerġgħu jiġu offruti mingħajr miżuri adegwati biex jiġu protetti b'mod suffiċjenti klijenti mhux professjonali kontra r-riskji relatati ma' dawk il-prodotti li jagħtu bidu għad-detriment tal-konsumatur identifikat fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796.

(11) Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, meħudin flimkien mar-raġunijiet stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2018/796, l-ESMA ddeċidiet li ġġedded ir-restrizzjoni għal perjodu ulterjuri ta' tliet xhur biex tindirizza t-tħassib sinifikanti dwar il-protezzjoni tal-investitur.

(12) Hi u ġġedded ir-restrizzjoni, l-ESMA kkunsidrat bir-reqqa kwalunkwe informazzjoni relevanti ġdida li ħarġet matul il-perjodu ta' rieżami. F'dan ir-rigward, l-ESMA kisbet informazzjoni li, f'ċerti każijiet, fornituri ta' CFD jesperjenzaw diffikultajiet tekniċi fl-użu tat-twissija ta' riskju mqassra minħabba l-limiti ta' karattri imposti minn fornituri tal-kummerċjalizzazzjoni ta' parti terza għal komunikazzjonijiet li ma jkunux permezz ta' mezz durabbli jew paġna web. Għaldaqstant, twissija ta' riskju b'karattri mnaqqsa għandha tiġi introdotta f'dan it-tiġdid.

([1]) Ukoll minħabba l-kategorizzazzjoni mill-ġdid ta' klijenti mhux professjonali bħala klijenti professjonali fuq talba jew klijenti mhux professjonali attivi li setgħu mexxew il-kont tagħhom lill-fornituri ta' pajjiżi terzi.

([2]) F'Awwissu 2018, il-protezzjoni kontra bilanċ negattiv kienet fis-seħħ. Madankollu, il-gapping tas-suq jista' jwassal biex inizjalmenti l-klijent jingħalaq bi prezz li joħloq ekwità negattiva, u l-kont imbagħad jiġi kreditat mill-ġdid għal ekwità żero mill-fornitur biex jintlaħaq r-rekwiżit il-ġdid ta' protezzjoni kontra bilanċ negattiv. Dan kien ukoll il-każ għal dawk il-fornituri li offrew protezzjoni kontra bilanċ negattiv f'Awwissu 2017.

([3]) Anness II, Taqsima II tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349). Ara wkoll Taqsima 11 tal-Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-ESMA dwar suġġetti rigward il-protezzjoni tal-investituri u l-intermedjarji tal-MiFID II u tal-MiFIR (ESMA35-43-349), fejn l-ESMA identifikat forom ta' prattiki li ditti ta' investiment m'għandhomx jużaw meta japplikaw ir-rekwiżiti legali dwar il-kategorizzazzjoni ta' klijenti bħala professjonali fuq talba. Taqsima 11 ġiet aġġornata l-aħħar fil-25 ta' Mejju 2018.

([4]) Fl-4 ta' Ġunju 2018, awtorità kompetenti ta' Stat ŻEE EFTA, NO-Finanstilsynet, adottat miżuri nazzjonali dwar l-intervent fuq il-prodott li għandhom l-istess termini u dati ta' applikazzjoni tal-miżuri tal-ESMA.

(13) It-twissija ta' riskju b'karattri mnaqqsa mhix intiża li tissostitwixxi t-twissija ta' riskju mqassra. It-twissija l-ġdida hija maħsuba li tintuża biss għal każijiet fejn parti terza li minnha kien jiddependi fornitur ta' CFD biex jikkummerċjalizza l-prodott timponi limitu ta' karattri li mhux kompatibbli man-numru ta' karattri li jinkludu t-twissijiet ta' riskju.

(14) It-twissija ta' riskju b'karattri mnaqqsa tipprovdi informazzjoni lil klijenti mhux professjonali dwar il-perċentwal tal-kontijiet tal-konsumatur li qed jitilfu l-flus fis-CFDs. Madankollu, sabiex l-attenzjoni tal-klijenti tinġibed b'mod sħiħ lejn jekk jistgħux jaffordjaw ir-riskju għoli li jitilfu flushom meta jinvestu f'CFDs, dan it-tiġdid jeħtieġ li kwalunkwe komunikazzjoni li fiha t-twissija ta' riskju b'karattri mnaqqsa tkun tinkludi wkoll link diretta għall-paġna web tal-fornitur ta' CFD fejn tidher it-twissija meħtieġa għal mezz durabbli jew paġni web.

(15) Billi l-miżuri proposti jistgħu, sa ċertu punt limitat, jirrigwardaw derivattivi ta' komoditajiet agrikoli, l-ESMA kkonsultat il-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza, għall-amministrazzjoni u għar-regolamentazzjoni ta' swieq agrikoli fiżiċi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([1]). L-ebda wieħed minn dawn il-korpi ma qajjem kwalunkwe oġġezzjoni għat-tiġdid propost tal-miżuri.

(16) L-ESMA nnotifikat lill-NCAs dwar id-Deċiżjoni ta' tiġdid proposta,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan id-Deċiżjoni:

(a) "kuntratt għal differenzi" jew "CFD" tfisser derivattiv għajr opzjonijiet, futuri, swaps u ftehimiet tar-rata forward, li l-għan tiegħu huwa li jagħti lid-detentur skopertura twila jew qasira għal varjazzjonijiet fil-prezz, fil-livell jew fil-valur ta' strument sottostanti, irrispettivament minn jekk ikunx innegozjat f'ċentru ta' negozjar, u li għandu jiġi ssaldat fi flus kontanti jew jista' jiġi ssaldat fi flus kontanti fuq għażla ta' waħda mill-partijiet għajr minħabba inadempjenza jew avveniment ta' terminazzjoni ieħor;

(b) "benefiċċju mhux monetarju esklużˮ tfisser kwalunkwe benefiċċju mhux monetarju għajr, safejn dawn jirrigwardaw is-CFDs, għodod ta' informazzjoni u ta' riċerka;

(c) "marġni inizjali" tfisser kwalunkwe ħlas għall-fini tad-dħul f'*CFD*, bl-esklużjoni tal-kummissjoni, it-tariffi tat-tranżazzjonijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati;

(d) "protezzjoni tal-marġni inizjali" tfisser il-marġni inizjali stabbilit bl-Anness I;

(e) "protezzjoni tal-għeluq tal-marġni" tfisser l-għeluq ta' wieħed jew iktar mill-kontijiet *CFD* miftuħa tal-klijent mhux professjonali bl-aktar termini favorevoli għall-klijent skont l-Artikoli 24 u 27 tad-Direttiva 2014/65/UE meta s-somma tal-fondi fil-kont ta' negozjar *CFD* u l-profitti netti mhux realizzati tas-CFDs miftuħa kollha konnessi ma' dak il-kont jaqgħu taħt in-nofs tal-*protezzjoni tal-marġni inizjali* totali għal dawk is-*CFDs* miftuħa kollha;

(f) "protezzjoni kontra bilanċ negattiv" tfisser il-limitu tar-responsabbiltà aggregata ta' klijent mhux professjonali għas-*CFDs* kollha konnessi ma' kont ta' negozjar *CFD* ma' fornitur tas-*CFDs* għall-fondi f'dak il-kont ta' negozjar *CFD*.

*Artikolu 2*

**Restrizzjoni temporanja fuq CFDs fir-rigward tal-klijenti mhux professjonali**

Il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ lill-klijenti mhux professjonali ta' *CFDs* huma ristretti għal ċirkostanzi fejn mill-inqas il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) il-fornitur tas-*CFD* jeħtieġ li l-klijent mhux professjonali jħallas *il-protezzjoni tal-marġni inizjali*;

(b) il-fornitur tas-*CFD* jipprovdi lill-klijent mhux professjonali l-*protezzjoni tal-għeluq tal-marġni*;

(c) il-fornitur tas-*CFD* jipprovdi lill-klijent mhux professjonali l-*protezzjoni kontra bilanċ negattiv*;

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

(d) il-fornitur tas-*CFD* ma jipprovdix direttament jew indirettament lill-klijent mhux professjonali pagament, monetarju jew *benefiċċju mhux monetarju eskluż* fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni jew tal-bejgħ ta' *CFD*, għajr il-profitti realizzati minn kwalunkwe *CFD* ipprovdut; u

(e) il-fornitur tas-*CFD* ma jibgħatx direttament jew indirettament komunikazzjoni lil jew jippubblika informazzjoni aċċessibbli minn klijent mhux professjonali dwar il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' *CFD* sakemm din ma tkunx jinkludi twissija ta' riskju xierqa speċifikata minn u konformi mal-kondizzjonijiet fl-Anness II.

*Artikolu 3*

**Projbizzjoni tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' evitar**

Għandhat jkun ipprojbita il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jevadu r-rekwiżiti fl-Artikolu 2, inkluż billi jaġixxu bħala sostitut għall-fornitur tas-*CFD*.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2018 għal perjodu ta' 3 xhur.

Magħmula f'Pariġi, it-23 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Bord tas-Superviżuri*
Steven MAIJOOR
*Il-President*

*ANNESS I*

**PERĊENTWALI INIZJALI TAL-MARĠNI SKONT IT-TIP TA' STRUMENT SOTTOSTANTI**

(a) 3,33 % tal-valur nozzjonali tas-*CFD* meta l-muniti akkoppjati sottostanti jkunu magħmula minn tnejn mill-muniti li ġejjin: id-Dollaru Amerikan, l-Ewro, il-Yen Ġappuniż, l-Isterlina, id-Dollaru Kanadiż jew il-frank Żvizzeru.

(b) 5 % tal-valur nozzjonali tas-*CFD* meta l-indiċi sottostanti, il-muniti akkoppjati jew il-komodità jkunu:

(i) kwalunkwe wieħed mill-indiċi ta' ekwità li ġejjin: Financial Times Stock Exchange 100 (FTSE 100); Cotation Assistée en Continu 40 (CAC 40); Deutsche Bourse AG German Stock Index 30 (DAX30); Dow Jones Industrial Average (DJIA); Standard & Poors 500 (S&P 500); NASDAQ Composite Index (NASDAQ), NASDAQ 100 Index (NASDAQ 100); Nikkei Index (Nikkei 225); Standard & Poors/Australian Securities Exchange 200 (ASX 200); EURO STOXX 50 Index (EURO STOXX 50);

(ii) muniti akkoppjati magħmula minn tal-anqas munita waħda li mhix elenkata fil-punt (a) hawn fuq; jew

(iii) deheb;

(c) 10 % tal-valur nozzjonali tas-*CFD* meta l-komodità sottostanti jew l-indiċi ta' ekwità tkun komodità jew kwalunkwe indiċi ta' ekwità għajr dawk elenkati fil-punt(b) hawn fuq;

(d) 50 % tal-valur nozzjonali tas-*CFD* meta l-istrument sottostanti jkun kriptovaluta; jew

(e) 20 % tal-valur nozzjonali tas-*CFD* meta l-istrument sottostanti jkun:

(i) sehem; jew

(ii) mhux elenkat b'xi mod ieħor f'dan l-Anness.

*ANNESS II*

**TWISSIJIET TA' RISKJU**

TAQSIMA A

**Kondizzjonijiet tat-twissija ta' riskju**

1. It-twissija ta' riskju għandha tkun f'forma li tiżgura l-prominenza tagħha, b'tipa ta' daqs mill-inqas ugwali għad-daqs predominanti tat-tipa u fl-istess lingwa użata fil-komunikazzjoni jew fl-informazzjoni ppubblikata.

2. Jekk il-komunikazzjoni jew l-informazzjoni ppubblikata tkun fuq mezz durabbli jew fuq paġna elettronika, it-twissija ta' riskju għandha tkun fil-format speċifikat fit-Taqsima B.

3. Jekk il-komunikazzjoni jew l-informazzjoni ppubblikata tkun fuq mezz li ma jkunx mezz durabbli jew paġna web, it-twissija ta' riskju għandha tkun fil-format speċifikat fit-Taqsima C.

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, jekk in-numru ta' karattri li jinsabu fit-twissija ta' riskju fil-format speċifikat fit-Taqsima B jew C jaqbeż il-limitu ta' karattri permess fit-termini standard ta' fornitur tal-kummerċjalizzazzjoni ta' parti terza, allura t-twissija ta' riskju tista' tkun fil-format speċifikat fit-Taqsima D.

5. Jekk tintuża t-twissija ta' riskju fil-format speċifikat fit-Taqsima D, il-komunikazzjoni jew l-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi wkoll link diretta għall-paġna web tal-fornitur ta' CFD li fiha t-twissija ta' riskju fil-format speċifikat fit-Taqsima B.

6. It-twissija ta' riskju għandha tinkludi perċentwal aġġornat tat-telf tal-fornitur speċifiku bbażat fuq kalkolu tal-perċentwal tal-kontijiet ta' negozjar *CFD* ipprovduti lill-klijenti mhux professjonali mill-fornitur tas-*CFD* li jkun tilef il-flus. Il-kalkolu għandu jitwettaq kull tliet xhur u jkopri l-perjodu ta' 12-il xahar li jippreċedi d-data li fiha jinħadem ("il-perjodu ta' kalkolu ta' 12-il xahar"). Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu:

   (a) kont ta' negozjar ta' klijent mhux professjonali individwali *CFD* għandu jitqies li jkun tilef il-flus jekk is-somma tal-profitti netti mhux realizzati kollha CFDs konnessi mal-kont ta' negozjar *CFD* matul il-perjodu ta' kalkolu ta' 12-il xahar tkun negattiva;

   (b) kwalunkwe spiża relatata mas-*CFDs* konnessi mal-kont ta' negozjar *CFD* għandha tkun inkluża fil-kalkolu, inklużi l-l-imposti, it-tariffi u kummissjonijiet kollha;

   (c) l-elementi li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu:

      (i) kwalunkwe kont ta' negozjar *CFD* li ma kellux *CFD* miftuħ konness miegħu matul il-perjodu tal-kalkolu;

      (ii) kwalunkwe qligħ jew telf minn prodotti li ma jkunux *CFDs* konnessi mal-kont ta' negozjar *CFD*;

      (iii) kwalunkwe depożitu jew irtirar ta' fondi mill-kont ta' negozjar *CFD*;

7. B'deroga mill-paragrafi 2 sa 6, jekk fl-aħħar perjodu ta' kalkolu ta' 12-il xahar fornitur ta' CFD ma jkunx ipprovda CFD miftuħ konness ma' kont ta' negozjar CFD ta' klijent mhux professjonali, dak il-fornitur ta' CFD għandu juża t-twissija ta' riskju standard fil-format speċifikat fit-Taqsimiet E sa G, kif xieraq.

TAQSIMA B

**Twissija ta' riskju speċifika għall-fornitur fuq mezz durabbli u fuq paġna elettronika**

---

Is-CFDs huma strumenti kumplessi u jġorru riskju għoli li jitilfu l-flus malajr minħabba l-ingranaġġ.

**[*daħħal il-perċentwal għal kull fornitur*] % ta' kontijiet ta' investituri fil-livell tal-konsumatur li tilfu l-flus meta nnegozjaw fis-CFDs ma' dan il-fornitur.**

Għandek tikkunsidra jekk tifhimx kif jaħdmu s-CFDs u jekk tistax taffordja li tieħu r-riskju għoli li titlef flusek.

---

TAQSIMA C

**Twissija ta' riskju speċifika għall-fornitur imqassra**

**[*daħħal il-perċentwal għal kull fornitur*] % ta' kontijiet ta' investituri fil-livell tal-konsumatur li tilfu l-flus meta nnegozjaw fis-CFDs ma' dan il-fornitur.**

Għandek tikkunsidra jekk tistax taffordja li tieħu r-riskju għoli li titlef flusek.

TAQSIMA D

**Twissija ta' riskju speċifika għall-fornitur b'karattri mnaqqsa**

**[*daħħal perċentwal għal kull fornitur*]% ta' kontijiet tal-konsumatur li qed jitilfu l-flus fis-CFDs.**

TAQSIMA E

**Twissija ta' riskju standard fuq mezz durabbli u fuq paġna elettronika**

Is-CFDs huma strumenti kumplessi u jġorru riskju għoli li jitilfu l-flus malajr minħabba l-ingranaġġ.

**Bejn 74 – 89 % tal-kontijiet ta' investituri fil-livell tal-konsumatur jitilfu l-flus meta jinnegozjaw fis-CFDs.**

Għandek tikkunsidra jekk tifhimx kif jaħdmu s-CFDs u jekk tistax taffordja li tieħu r-riskju għoli li titlef flusek.

TAQSIMA F

**Twissija ta' riskju standard imqassra**

**Bejn 74 – 89 % tal-kontijiet ta' investituri fil-livell tal-konsumatur jitilfu l-flus meta jinnegozjaw fis-CFDs.**

Għandek tikkunsidra jekk tistax taffordja li tieħu r-riskju għoli li titlef flusek.

TAQSIMA G

**Twissija ta' riskju standard b'karattri mnaqqsa**

**74 – 89 % ta' kontijiet tal-konsumatur li qed jitilfu l-flus fis-CFDs.**

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT